

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2017

Nru 192



ritratt: CVC media

## IL-PROĠETT TAL-PANNELLI LEST!

Fl-aħħar ġimgħat tas-sena, eżattament mis-7 ta' Novembru 2017 'il quddiem, kien hemm attività mhux tas-soltu fuq il-bejt taċ-Ċentru Parrokkjali, hekk kif saret ħidma biex jitwaħħlu l-pannelli fotovoltajċi. Dan wara li nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju 2017, fl-okkażjoni tal-Ewwel Ħamis ta' San Ġorġ, il-proġett ġie mniedi fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali tal-Parroċċa flimkien ma' tliet proġetti kbar oħra.

>>aqra iktar f'paġna 8



San Ġorġ "Kolleġġjata"

15



27



28

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Insaqqu sew iż-żerriegħa li nibtet

Kif imħabbar fl-edizzjoni preċedenti, bi pjaċir il-Parroċċa tagħna qed tifraħ li tnejn minn uliedha bdew il-mixja ta' formazzjoni li se tgħinhom fid-dixxerniment tagħhom li, jekk Alla jrid, twassalhom għas-saċerdozju ministerjali. Dan joħloq tamiet u ferħ fil-qlub tagħna, aktar u aktar meta niftakru li l-aħħar żagħżugħ mill-parroċċa tagħna li ġie ordnat saċerdot kien fl-2011. Nifirħu wkoll bis-sejħat għall-ħajja kkonsagrata bħal dik fl-Ordni tal-Verġni f'Novembru li għadda.

It-triq tal-formazzjoni hi waħda twila u li, kif mistenni, titlob mill-imsejħin li, bl-għajnuna ta' min jiffurmahom, jgħarblu sew is-sejħa li qed iħossu. Kif qalulna Samuel u Ġorġ stess fl-esperjenzi tagħhom, li ssibuhom f'din l-edizzjoni, is-Sena Propedewtika qed iqisuha bħala waħda li ser tgħinhom jiskopru aktar il-vokazzjoni tagħhom. Hija sena li flimkien mal-bqija tal-komunità tas-Seminarju qed jgħixu f'ħajja ta' talb, xogħol u studju.

Kif ħeġġeġ ukoll l-Isqof Mario Grech fil-Funeral ta' Mons. Carmelo Scicluna f'Diċembru li għadda, il-komunità tagħna hi obbligata tgħin lil dawn iż-żgħażagħ bit-talb u b'azzjonijiet tajba li jwieżnu l-formazzjoni tagħhom. Huma setgħu jagħmlu dan il-pass mhux biss grazzi għat-trobbija tajba li rċivew fil-familja, imma wkoll għax tul is-snin il-komunità parrokkjali kienet għalqa tajba fejn setgħu jagħrfu s-sinjali tal-vokazzjoni tagħhom. Kienu dejjem qrib l-altar, b'servizz kontinwu fil-funzjonijiet tal-parroċċa, fejn anki kienu jieħdu ħsieb l-abbatini iżgħar minnhom.

Jekk tħares lejn dawk li jħossuhom vokati, is-sejħat ta' ħafna minnhom nibtu wkoll fil-kuntest tas-servizz tagħhom bħala abbatini. Huwa għalhekk li għandna nħarsu lejn il-Grupp tal-Abbatini mhux biss bħala grupp ta' tfal li jagħtu servizz lill-altar, imma bħala mixtla ta' vokazzjonijiet saċerdotali. Jekk il-parroċċa ma tinvestix f'żgħażagħ li jkunu kapaċi jaffaċċjaw realtà li tista' tkun ostili għall-Vanġelu u għall-ħidma tal-Knisja, il-missjoni tagħha ftit ikollha siwi. X'inhu l-iskop li nkunu Knisja attenta li tippreserva d-drawwiet u d-duttrina tagħha, imma mbagħad il-ġewwieni jkun qed jitnawwar u l-futur mibni fuq ir-ramel!

L-appell għalhekk hu qabelxejn lill-komunità kollha biex toħloq ambjent dejjem iżjed san fejn jistgħu jikbru l-vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata, imma wkoll lil min hu responsabbli direttament li jsaqqi ż-żerriegħa b'ilma ġieri u frisk!

## KRONAKA PARROKKJALI (SETTEMBRU-DIĊEMBRU 2017)

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

01/09/2017 **Emilia** bint Derick Vella u Stephania Rapa
03/09/2017 **Luca** bin Rainier Farrugia u Anabel Grech
10/09/2017 **Liam** bin Jo-anne Vella
17/09/2017 **Emma** bin Jason Attard u Claudia Attard
23/09/2017 **Francesco** bin George Vassallo u Frances Galea
06/10/2017 **Joi** bint Dione Lautier u Liliana Sacco
22/10/2017 **Krista** bint George Scerri u Joyce Vella
28/10/2017 **Zac** bin Ray Charles Mercieca u Francesco Debono
28/10/2017 **Amber Marie** bint Jonathan Pace u Silvianne Cutajar
04/11/2017 **Ariana** bint Stefan Zammit u Jessica Schembri
05/11/2017 **Mia** bint Emanuel John Farrugia u Vicky Cini
10/11/2017 **Leah** bint Anthony Grech u Olivia Farugia
19/11/2017 **Anamika** bint Kevin Farrugia u Angie Said
25/11/2017 **Mariah** bint Alfred Borg u Jacqueline Mifsud
03/12/2017 **Mariyan** bint Daniel Camilleri u Lorna Apap
09/12/2017 **Francesco Maria** bin Valentino Valenti u Alexandra Ene
16/12/2017 **Mason** bin Kevin Paul Cauchi u Nadine Mizzi
24/12/2017 **Mia Rose** bint Andrew Zammit u Adreana Scerri
25/12/2017 **John** bin Anthony Mizzi u Jessica Marie Cordina

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

02/09/2017 **Jonathon Sultana** u **Giovanna Attard**
02/09/2017 **Mark Mamo** u **Lara Vella**
16/09/2017 **Jeffrey Grima** u **Maria Cashia**
20/09/2017 **Balint Zultan Sziljj** u **Janis Leigh Vella**
26/10/2017 **Michael Pace** u **Sarah Catherine Mckenzie**
08/12/2017 **Matthew Sciberras** u **Rebecca Mallia**

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

17/09/2017 **Joseph Zammit**
25/09/2017 **Mons. Georget Grima**
21/09/2017 **Nicholas Zammit**
01/10/2017 **Sunny Fenech**
14/10/2017 **Joseph Mercieca**

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Joseph Curmi*



archpriestsitgeorge@gmail.com

## IS-SEJĦA

L-idea li Alla għadu jsejjaħ, fiż-żmien li qed ngħixu fih ma tantx għadha tiftiehem. Il-fatturi jistgħu jkunu ħafna, iżda wieħed importanti hu l-ġid materjali. Hu fatt magħruf li iktar ma pajjiż jistagħna u togħla l-kwalità tal-ħajja, inqas jinħass il-bżonn tal-fidi. Iktar ma l-persuni jkollhom livell ta' għajxien għoli, iktar hemm ċans li ma jħossux il-bżonn ta' Alla għax jipprattikaw l-awtosuffiċjenza. Għalhekk, f'dan il-kuntest fejn il-bniedem iħoss li rajh f'idejh u jista' jagħmel liberament l-għażliet ta' ħajtu, ftit se jikkalkula li l-ħajja hi don mogħti minn Alla u li Alla jsejjaħ lil kull persuna għal vokazzjoni partikulari.

L-individwu

Is-soċjetà hi magħmula minn persuni differenti, li kull wieħed u waħda minnhom għandu l-ħajja partikolari tiegħu. Imma kull persuna tiddependi minn oħrajn u fuq oħrajn, u l-oħrajn jiddependu minnha. Iżda meta kulħadd ifittex biss li jkun sew hu, dan ifisser li d-drittijiet tal-oħrajn jibdew jiġu mgħaffġa. Hemm frażi famuża li tgħid: "Id-dritt tiegħi jispiċċa fejn jibda d-dritt tal-ieħor".

Alla, meta jsejjaħ, ma joħnoqx l-individwalità tal-persuna, iżda lil kull bniedem jistiednu għal missjoni li permezz tagħha ħajtu tista' tkun ta' servizz għall-oħrajn. Kull vokazzjoni hi individwali u personali. Kull persuna, hi kif inhi, għandha vokazzjoni. Din iċ-ċertezza tagħtina dinjità kbira, għax ħadd mhu skart jew mormi f'għajnejn Alla.

Is-sejħat

M'hemmx sejħa ikbar mill-oħra. Alla jimla bil-grazzja tiegħu lil kull bniedem u jagħtih it-talenti li għandu bżonn biex jaqdi l-vokazzjoni tiegħu. Is-sbuħija tas-sejħa tinsab f'li Alla jemmen fil-bniedem. Hu li jista' jibdel kollox f'tebqa ta' għajn, jafda f'idejn bnedmin dgħajfa d-don tal-imħabba. Kull bniedem hu msejjaħ għall-istess vokazzjoni: iħobb lil Alla b'qalbu kollha u lil għajru bħalu nnifsu. Kull vokazzjoni taqdi dan il-misteru b'mod differenti. Anki marid mixħut ġo sodda li bilkemm hu konxju li qed jgħix, ħajtu hi vokazzjoni li ssalva lid-dinja. Ma' Alla m'hemmx klassijiet u livelli. Iżda jekk fis-soċjetà tagħna qed insibuha diffiċli naċċettaw li Alla jsejjaħ għal vokazzjonijiet li huma naturali, bħalma hi l-vokazzjoni għall-ħajja miżżewġa, kemm iktar se nsibuha bi tqila nemmnu fil-vokazzjoni saċerdotali u reliġjuża?

Il-Parroċċa tagħna

Fl-aħħar xhur il-Parroċċa tagħna esperjenzat il-mewt ta' tliet saċerdoti. Il-ħajja saċerdotali, reliġjuża u missjunarja hi vokazzjoni li tolqot direttament il-formazzjoni għall-ħajja tal-fidi. Matul dawn l-aħħar xhur ukoll, fraħna għaliex żewġ żgħażagħ mill-Parroċċa tagħna, Samuel Aquilina u Ġorġ Pisani, bdew is-Sena Propedewtika fis-Seminarju ta' Għawdex. Fraħna wkoll għaliex Josette Vassallo ngħaqdet mal-Ordo Virginum f'servizz lill-Knisja ta' Għawdex. Dawn kollha huma motivi biex inħossu lil Alla magħna. Alla għadu jsejjaħ.

Ningħaqdu fit-talb

Hemm bżonn nitolbu biex il-Mulej fi żminijietna jkompli jibgħat vokazzjonijiet qaddisa, sew fl-ambitu reliġjuż, sew fl-ambitu tal-familja u tax-xogħol. Jeħtieġ li nitolbu għall-għarajjes li qed iħejju għall-vokazzjoni tal-familja. Jeħtieġ nitolbu għall-familji li tilfu lil xi ġenitur bil-mewt jew b'xi problema oħra. Il-Parroċċa jeħtieġ tibqa' tkun bħal familja li tgħin lil kull persuna fl-iskoperta tal-vokazzjoni tagħha, filwaqt li takkumpanja lil dawk f'diffikultà jew kriżi tal-vokazzjoni tagħhom.

Kronaka Parrokkjal

21/10/2017 **George Cassar**
25/10/2017 **Mary Josephine Gauci**
25/10/2017 **Carmena Farrugia**
09/11/2017 **Tarcisio Cauchi**
16/11/2017 **Salvu Fenech**
21/11/2017 **Francesco Xaverio Borg**
22/11/2017 **Carmel Grech**
26/11/2017 **Joseph Mercieca**
27/11/2017 **George Meilak**
10/11/2017 **Mons. Carmelo Scicluna**
09/12/2017 **Franġiska Saveria Debattista**
11/12/2017 **Anthony Aquilina**

DONAZZJONIJIET

Mons. Coronato Grima, (il-Belt Victoria) – €10.

OFFRI R-RIVISTA B'SUFFRAGJU GĦALL-GĦEŻIEŻ TIEGĦEK

Mod sabiħ kif tagħmel suffraġju lill-għeżież mejtin tiegħek hu billi tħallas parti mill-ispejjeż ta' din ir-rivista *Il-Belt Victoria*. Mill-ġid li jixtered permezz tagħha jistgħu jgawdu wkoll l-erwieħ tal-Purgatorju.

L-isem tal-għeżież tiegħek flimkien ma' stedina għat-talb b'suffraġju tagħhom jidhru f'waħda mill-paġni tar-rivista.

Kun parti minn dan il-proġett tagħna! Agħti d-donazzjoni tiegħek fl-Uffiċċju Parrokkjali.

# MILL-ĦAJJA PASTORALI TAGĦNA



Fil-bidu ta' Sena Pastorali ġdida, il-katekisti u l-operaturi pastorali ġew mistiedna għal Seminar parrokkjali bit-tema *Tirċievi biex tagħti*, li nżamm fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia, u tmexxa minn Patri Martin Cilia MSSP. 27.09.2017



Minn Ottubru bdiet esperjenza parrokkjali ġdida ta' formazzjoni miftuħa għal kulħadd fl-għamla ta' Lectio Divina dwar il-Vanġelu ta' San Mark, immexxija minn Patri Peter Paul Cachia osa. Il-laqgħat ta' kull ħmistax, nhar ta' Ġimgħa filgħaxija, qed isiru fil-Monasteru ta' Santu Wistin, bħala sinjal ukoll li l-komunità parrokkjali mhix limitata biss għall-erba' ħitan tal-Bażilika u ċ-Ċentru Parrokkjali.

Lejlet is-Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-gruppi tat-tfal li qed jitħejjew għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof marru flimkien mal-katekisti tagħhom fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fejn l-Arċipriet għamel katekeżi sabiħa fuq it-Tnissil tal-Verġni Marija, imnebbħa mix-xbieha artistika tagħha għall-qima f'dik il-knisja. 07.12.2017



Fil-bidu tas-Sena Kateketika, l-Arċipriet iltaqa' mal-ġenituri tal-kandidati għall-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni fis-Sala Parrokkjali, li fis-sajf li għadda rgħatat tindifa u tibjida tajba, u ppreżenta lilhom u lil uliedhom il-katekisti tagħhom. 12.10.2017



Bl-għan li ssostni l-proġetti pastorali li qed tagħmel, il-Parroċċa organizzat Pranzu bi ġbir ta' fondi fid-Dar Parrokkjali. 12.11.2017





Relf Mirce hu żagħżugħ Albaniż ta' 27 sena li jaħdem Għawdex u, wara li ra l-eżempju sabiħ ta' familja Nisranija mill-parroċċa tagħna, wera x-xewqa li jitgħammed. Fil-Quddiesa tal-Komunità tal-Ħadd filgħaxija, l-Arċipriet ħabbar li, bil-kunsens tal-Isqof, il-katekumenu, li qed jagħmel mixja ta' formazzjoni fil-parroċċa tagħna, ħa jirċievi l-Magħmudija fil-Bażilika tagħna fil-Vġili tal-Għid. 03.12.2017



Waħda mill-mixjiet sbieħ ta' żmien l-Avvent kienet dik tal-Quddiesa għall-familji u t-tfal kull nhar ta' Ħadd fl-10.00am, li tmexxiet minn Dun Richard N. Farrugia. Fl-ewwel parti tal-quddiesa, iċ-ċkejknin ikollhom it-tifsira tal-Vanġelu apposta għalihom li ssir mill-katekisti fiċ-Ċentru Parrokkjali.



L-aħħar jum tan-Novena tal-Milied kien wieħed speċjali għal erba' abbatini ġodda li ħadu l-Vestizzjoni tagħhom minn idejn l-Arċipriet. Il-grupp tal-abbatini jagħti servizz mitqlu deheb fil-liturġija fil-Bażilika u għandu kalendarju pjuttost impenjattiv is-sena kollha. 23.12.2017



Fi żmien l-Avvent, grazzi għall-inizjattiva tas-Siġra tal-Karità, inġabru għotjiet għal istituzzjonijiet ta' karità f'Malta u Għawdex. Fosthom kien hemm il-Caritas Djoċesana, li tgħin fost l-oħrajn familji f'kundizzjonijiet soċjali diffiċli. L-Arċipriet ippreżenta l-oġġetti miġbura lill-Kan. Mikiel Borg, Direttur, fl-uffiċini l-ġodda tal-Caritas Djoċesana fil-Kurja. 22.12.2017



L-Arċipriet Mons. Joseph Curmi mexxa n-Novena tal-Milied bit-tema Rigali mill-Bibbja, li kienet animata bl-għajnuna tal-gruppi tal-adolexxenti. It-tema magħżula din is-sena kienet ta' persunaġġi mit-Testment il-Qadim, u bl-għajnuna tal-'pustier' li ta' kuljum żar il-Bażilika, il-komunità tħejjiet b'mod sabiħ ħafna għall-miġja ta' Ġesù fil-Milied.

# Allura sirt soru?

## *Josette Vassallo ov tispjega ftit...*

Din il-mistoqsija smajtha ta' spiss fl-aħħar parti tal-2017. It-tweġiba hi sempliċi "Le!". Iżda normalment ma kinitx biżżejjed... u allura sew niċċara l-biċċa hawn.

Fi żminijiet reċenti, il-Knisja reġgħet xettlet realtà li kienet bħal donnha ntesiet: dik tal-Verġni Kkonsagrati (l-*Ordo Virginum*) – jiġifieri lajċi li, bla ma jsiru reliġjużi, jikkonsagraw ruħhom lil Alla. B'hekk nistgħu ngħidu li kompliet titwessa' l-firxa ta' sitwazzjonijiet kif ngħixu l-qdusija tal-Magħmudija.



Mingħajr ma bdilt il-ħidma li nwettaq (Segretarja djoċesana tal-Azzjoni Kattolika u Segretarja fl-Uffiċċju Parrokkjali ta' San Ġorġ), jien issa formalment disponibbli għal dak li jista' jixtieq l-Isqof. Bqajt id-dar għax ma aħniex xi komunità: la ngħixu ma' xulxin u lanqas għandna xi tip ta' struttura organizzattiva jew ta' tmexxija.

Fil-fatt, kellha tkun waħda barranija, Dalia Kandalaft, mibgħuta mill-Ordinarju tagħha, li wasslet f'pajjiżna din il-proposta. U jien kont l-ewwel f'Għawdex li ltqajt magħha – iżda ma stajtx niżviluppa l-ħsieb peress li kelli r-responsabbiltà ta' ommi. Sadattant saru l-ewwel konsagrazzjonijiet fiż-żewġ djoċesijiet.

Tfaċċajt pubblikament fis-28 ta' Ottubru 2017 waqt Velja fil-Bażilika stess: tmexxiet minn Mons. Pawlu Cardona, inkarigat mill-Isqof biex joffrilna l-għajnuna meħtieġa. Konna tnejn qegħdin nagħmlu l-preparazzjoni, għalkemm, sintendi, il-formazzjoni tkun bdejtha snin qabel!

Il-funzjoni tal-Konsagrazzjoni saret fl-1 ta' Novembru, kif iddeċieda l-Isqof, fil-Katidral – integrata fil-Quddiesa tas-Solennità tal-Qaddisin Kollha. Allura ġurnata addattata ferm, meta l-Knisja tistedinna niftakru b'mod iktar imħeġġeġ fis-sejħa universali għall-qdusija.

Għalkemm naf x'jgħid ir-ritwal u għandi r-ritratti, impossibbli niddeskrivi x'seħħ matul dawk is-sagħtejn! U anki diffiċli ngħid eżattament x'ħassejt: ħolma kienet qiegħda titwettaq! Kelli x-xorti li nkun imdawra minn ħuti kollha – mill-Awstralja, il-Kanada u l-Italja, minn ħafna ħbieb, anki tliet ikkonsagrati mill-Italja, u naturalment Dalia u għadd sabiħ ta' saċerdoti.

Iċ-ċerimonja tikkonċentra fuq tliet elementi li l-Isqof jagħti lill-verġni li se tirċievi l-konsagrazzjoni. Il-ktieb tal-Liturġija tas-Sigħat juri l-importanza li aħna l-ikkonsagrati nagħtu lil dan it-talb – anzi, fil-fatt imħeġġin li nżommu dan bħala l-fulkru tal-ġurnata normali tagħna. Min-naħa l-oħra, il-velu u ċ-ċurkett jissimbolizzaw l-"għerusija" mal-Mulej. Hu ssuġġerit ukoll li f'dan il-jum speċjali nxiddu lbies li jfakkar fit-tieġ – u jien fettilli nirranġa l-libsa ta' ommi (minn kważi sebgħin sena ilu), flimkien maċ-ċurkett tat-tieġ tagħha!

Issa li jien ikkonsagrata, irrid inwieġeb għall-grazzja tal-konsagrazzjoni u nimita lil Kristu fil-ħajja ta' ċaħda u fis-safa, u nħobbu b'qalbi, b'ruħi, b'moħħi u b'saħħti kollha. Ma nkun ta' ħadd aktar ħliefu. Jien ħaddiema fil-għalqa ta' Alla. Naqsam il-ħobż tal-għarfien u s-sewwa, il-ħobż tal-ħniena, tal-maħfra u tas-safa. Nara lil Kristu f'dawk li jbatu l-għatx, il-ġuħ u fl-erwieħ imnikkta mgħaffġin taħt is-salib. Nimsħilhom wiċċhom bil-maktur tal-imħabba u tas-sagrifiċċju tagħha. Nitlob li Ġesù jagħmel minn qalbi, qalb magħżula, iddedikata u miftuħa li taf tħobb u tagħti b'idejha miftuħa.Mela ħajja li tista' tkun is-sejħa anki ta' tant xebbiet oħra, ta' kull età u kundizzjoni soċjali!





***Segretarja fl-Uffiċċju Parrokkjali***

Il-ħidma ta' Josette fl-Uffiċċju Parrokkjali fost l-oħrajn tikkonsisti f'li twieġeb għat-telefonati, tieħu ħsieb l-appuntamenti tal-Arċipriet, toħroġ ċertifikati lil dawk li jitolbuhom, timla l-kalendarju tal-parroċċa, u tirreġistra attivitajiet ġodda li jsiru. Matul dawn ix-xhur kienu diversi l-persuni li hi għenet f'aspetti oħrajn ukoll.

# Il-Propedewtiċi tagħna

## *Jirrakkuntawlna l-esperjenzi tagħhom*



"Għalkemm resident tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, m'iniex seminarista. Jiena qed nagħmel l-esperjenza tas-Sena Propedewtika. X'inhi s-Sena Propedewtika? Hija l-bidu tal-mixja ta' dixxerniment tal-vokazzjoni għall-ħajja saċerdotali. L-għan prinċipali tas-Sena Propedewtika huwa li tgħin biex wieħed jagħraf aħjar x'inhi s-sejħa li qed jagħmillu Alla, billi toffri esperjenzi diversi, aktar ħin ta' riflessjoni u għajnuniet oħra.

Aspett importanti fil-formazzjoni tiegħi huwa dak pastorali. Matul din is-sena jiena ġejt assenjat fil-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur. L-iskop għaliex qiegħed f'din il-parroċċa mhuwiex daqstant li nkun responsabbli minn xi grupp bħalma jkunu s-seminaristi, imma li niskopri realtà ta' parroċċa differenti minn dik li trabbejt fiha, li nitgħallem minnha u mill-esperjenzi ġodda li toffri, filwaqt li nagħti daqqa t'id fejn ikun hemm bżonn u kif nista'. Inkun in-Nadur is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd filgħodu. L-aktar grupp li jien involut fih huwa dak tal-abbatini.

Matul din is-sena jkollna esperjenza kemm ta' studju u kemm ta' xogħol. Fost il-ġimgħa, nagħmel nofstanhar xogħol *part-time* fis-settur privat. L-iskop hu biex filwaqt li nieħdu idea ta' xi tfisser id-dinja tax-xogħol, niltaqa' ma' nies differenti u ma nkunx dejjem fl-ambjent familjari u komdu tal-Knisja. Fuq ix-xogħol wieħed jiltaqa' ma' nies li huma ta' reliġjonijiet differenti u wħud li huma 'l bogħod minn Alla. Bħala tagħlim akkademiku jkollna żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa, darba Latin u darba kors ieħor. Il-korsijiet jinkludu l-Metodoloġija, il-Loġika, Introduzzjoni għall-Filosofija u Introduzzjoni għat-Teoloġija. Barra minn hekk, ikollna wkoll il-laqgħat dwar il-formazzjoni umana u l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika.

Element essenzjali huwa bla dubju ta' xejn it-talb. Is-Sena Propedewtika toffri bażi qawwija għall-ħajja tat-talb, kemm fuq livell individwali u kemm komunitarju. Kull filgħodu nibdew il-ġurnata bil-quddiesa flimkien mas-seminaristi. Filgħaxija jkollna wkoll siegħa fil-kappella, li tinkludi l-adorazzjoni, il-meditazzjoni u l-Għasar. Barra minn hekk, fuq livell personali huma mħeġġa ħafna t-talb, ir-riflessjoni u l-qari spiritwali. It-talb, kif tgħidilna Madre Teresa, mhuwiex li ssaqsi. It-talb huwa li tpoġġi lilek innifsek f'idejn Alla, għad-dispożizzjoni tiegħu, u li tisma' l-vuċi tiegħu fil-fond tal-qalb tiegħek."

***Samuel Aquilina***

"Bl-għajnuna ta' Alla f'Ottubru li għadda bdejt is-sena preparatorja, jew kif hija msejħa, Propedewtika, fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Din is-sena hija importanti ħafna fil-formazzjoni ta' dawk li biħsiebhom jidħlu fis-Seminarju sabiex jibdew il-mixja li twassalhom għas-saċerdozju. L-istudent fis-Sena Propedewtika mhuwiex 'seminarist'. Huwa jgħix mal-komunità tas-Seminarju sabiex jipprepara ruħu sew, billi jara u jesperjenza l-ħajja ta' seminarista, qabel jibda l-kors proprju li jwassal għas-saċerdozju. F'dan il-perjodu huwa jiġi mistieden jifforma ruħu sew, jitlob, u fuq kollox jistħarreġ sew il-vokazzjoni tiegħu. Huwa jiġi mistieden jipparteċipa fit-talb komunitarju u jiġi segwit permezz ta' persuni kkwalifikati sabiex jipperfezzjona ruħu fit-triq li huwa jkun għażel. F'din is-sena wieħed jingħata l-opportunità ta' esperjenza ta' xogħol, b'hekk mhux biss jitgħallem il-valur tiegħu, iżda jesperjenza realtà oħra minn dik tas-Seminarju.

Matul din is-sena l-istudent jgħix fis-Seminarju Maġġuri mas-seminaristi l-oħra, imma huwa ma jimxix fuq l-istess skeda tas-seminaristi. Ngħidu aħna, fin-nofstanhar ta' filgħodu huwa jkollu esperjenza ta' xogħol. Jiena ġejt assenjat esperjenza ta' xogħol f'*supermarket* fl-Għarb. Kmieni filgħodu, wara l-quddiesa, inħalli s-Seminarju biex nasal fil-ħin fil-post tax-xogħol tiegħi. Irrid ngħid li l-esperjenza tax-xogħol laqqgħetni ma' ħafna nies b'opinjonijiet differenti. Malli saru jafu li jiena ġejt mis-Seminarju, ħafna min-nies li jiffrekwentaw dan il-ħanut urew interess fil-ħajja tas-Seminarju. L-istess interess urewh ukoll sħabi ta' fuq ix-xogħol. Naħseb li kemm sħabi ta' fuq ix-xogħol u kemm in-nies li jiffrekwentaw dan il-ħanut ilkoll saru iktar konxji li l-persuna li jkollha vokazzjoni hija persuna normali bħalhom.

Indum xogħol sal-ħin tal-ikel, fejn imbagħad ningħaqad ma' sħabi l-propedewtiċi għall-ikel fis-Seminarju. Wara ftit ħin ta' mistrieħ, ikollna xi lezzjoni fuq materji utli fil-mixja tagħna, bħall-Metodoloġija u l-Introduzzjoni għall-Filosofija, jew xi laqgħa mad-diretturi tagħna, jew volontarjat. Wara dan ikollna talb komunitarju mas-seminaristi u s-superjuri tagħna. Imbagħad filgħaxija nieklu flimkien bħala komunità. Wara, ikollna ħin ta' rikreazzjoni mas-seminaristi li nqattgħuh nilagħbu l-futbol jew naraw it-televiżjoni, jew ngħidu xi ċajta. Fi tmiem il-ġimgħa nirritorna d-dar.

Bħala esperjenza pastorali ġejt assenjat fil-Parroċċa tal-Qala. Għalhekk is-Sibt waranofsinhar nerħilha lejn il-Qala fejn nipparteċipa fil-laqgħat tal-abbatini u l-grupp taż-żgħażagħ. Bosta drabi wara dawn il-laqgħat nagħmlu attivitajiet differenti. Il-Ħadd filgħodu mbagħad nagħti s-servizz tiegħi waqt il-quddiesa. Irrid ngħid li l-Arċipriet u s-saċerdoti tal-Qala jagħmlu ħafna miegħi u jgħinuni f'dak kollu li jkolli bżonn. Nixtieq ngħid ukoll li nieħu ħafna gost li qiegħed insir naf aktar il-komunità li qed tospitani għal din is-sena u li nagħraf il-problemi, ix-xewqat u d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-parruċċani. Nixtieq għalhekk pubblikament nirringrazzja lill-Arċipriet Dun Injazju Borg ta' din l-opportunità li qed joffrili, kif ukoll tal-ospitalità tiegħu."

***Ġorġ Pisani***

# Tkompli aktar ħidma bi proġetti siewja għall-Parroċċa

Kif diġà ħabbarna fl-edizzjoni ta' qabel, dan s-somma nġabret, anzi nqabżet! Għalkemm wieħed jista' jara biss numru ta' pannelli mqegħdin fejn xulxin, ix-xogħol u l-ħsieb kienu jirrikjedu aktar minn hekk. Minbarra t-tqegħid tal-pannelli, saret sistema ta' komunikazzjoni ġdida ta' wajers tul il-bejt kollu biex b'hekk tkun tista' titqabbad mad-distribuzzjoni tad-dawl. Fil-fatt, kellha ssir ukoll applikazzjoni mal-entità konċernata għall-istallazzjoni ta' *meter* ġdid tad-dawl, minbarra l-iffirmar u l-preparazzjoni ta' dokumentazzjoni oħra relatata.



Dan il-proġett jissarraf f':

- 65 pannella ta' 300 watt-il waħda,
- ġenerazzjoni medja ta' 83 unit ta' dawl kuljum,
- l-iffrankar ta' madwar €4,600 f'konsum ta' dawl fis-sena,
- il-Parroċċa mhux ser ikollha bżonn tħallas aktar kontijiet tad-dawl,
- ngħinu biex niġġeneraw enerġija minn sorsi rinnovabbli.

L-istallazzjoni tal-pannelli saret mid-Ditta *Econetique* bl-għajnuna ta' voluntiera fi ħdan l-Uffiċċju Parrokkjali li ħadu ħsieb li l-proġett isir. B'dan il-proġett, issa l-Parroċċa ser tkun qed tinvesti l-flus iffrankati fi proġetti oħra li tul iż-żmien jinħoloq il-bżonn tagħhom.



**Tindif ġenerali u rinnovar ta' diversi swali, u minibus ġdida**

Wara li fi żmien is-sajf, diversi voluntiera ħadu ħsieb li jintremew jew jinstab post alternattiv għal diversi oġġetti żgumbranti li matul is-snin inġemgħu f'diversi swali taċ-Ċentru Parrokkjali, kien imiss li jibda r-rinnovar u l-użu aħjar tagħhom.



Is-Sala Parrokkjali ġiet miżbugħa, attrezzata b'siġġijiet u purtieri ġodda, ħalli tkun post aktar akkoljenti għad-diversi laqgħat li jsiru. Dan ix-xogħol qed isir ukoll fil-*basement*, fejn wara l-iżgumbrar, beda x-xogħol ta' tikħil tal-ħitan u qed tinħadem sistema aħjar ta' ċirkolazzjoni tal-arja. Ladarba dan ix-xogħol ikun lest, il-post jintuża biex jiltaqgħu fih iż-żgħażagħ u l-adolexxenti.

Inxtrat ukoll sistema ta' *sound* li tkun tista' tintuża f'diversi okkażjonijiet, kif ukoll skrin u *projector* ieħor.

Fl-aħħar ġimgħat, il-Parroċċa investiet ukoll f'xiri ta' minibus ġdida. Dan il-mezz ta' trasport inxtara wara li nħass il-bżonn ta' aktar kumdità fl-ippjanar pastorali tad-diversi gruppi li qed jiltaqgħu fil-Parroċċa. Il-minibus tbierket mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi nhar is-Sibt 14 ta' Ottubru, Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima, fi tmiem il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna. Dan l-aħħar, grazzi għall-ġenerożità ta' familja mill-parroċċa tagħna, instab ukoll garaxx imdaqqas għall-kiri fi Triq it-8 ta' Diċembru biex il-minibus ikollha saqaf fuq rasha matul il-lejl.



# Il-Monasteru ta' San Ġorġ f'Koudouna

Dun Geoffrey George Attard



Il-Monasteru storiku ta' San Ġorg f'Koudouna, li ġieli jissejjaħ ukoll "San Ġorġ Koudouna", jinsab fuq il-gżira magħrufa bħala 'tal-Prinċep', 'il barra mill-belt ta' Kostantinopli, u skont tradizzjoni qadima nbena mill-Imperatur Biżantin Nikephoros Phokas fis-sena 963 WK. F'dak iż-żmien inġiebet mill-Monasteru tal-Paċi f'Ateni mill-Imperatur Ġustinu II ikona mirakuluża ta' San Ġorġ. Dan il-monasteru kien safa attakkat u mkisser matul ir-Raba' Kruċjata. Imbagħad fl-1320, il-pirata Giustiniani attakka l-binjiet u l-monasteri kollha li kien hemm fuq din il-gżira. Minħabba li l-monaċi ma ridux li l-ikona tagħhom ta' San Ġorġ tkun misruqa mill-Franki, meqjusa minnhom bħala barbari, l-irħieb ħbew l-ikona taħt l-art u qiegħdu fuqha altar sabiex jimmarka l-post tal-moħbba tagħha. Madankollu l-ikona ntilfet għal bosta snin.

Jingħad li darba waħda San Ġorġ deher lil wieħed ragħaj f'ħolma u qallu fejn kienet tinsab l-ikona tiegħu. Meta dan ir-ragħaj beda joqrob lejn il-post, hu sema' d-daqq tal-qniepen u meta fittex, sab l-ikona mżejna kollha kemm hi bil-qniepen. Il-Monasteru kien aktar tard aggregat mal-Hagia Lavra f'Kalavryta u eventwalment kien anki affiljat mal-Patrijarkat ta' Kostantinopli. Il-knisja li hemm illum inbniet fl-1905.

Il-mirakli tal-Qaddis tawmaturgu huma bosta fl-għadd. Fi żminijiet imbiegħda, il-familji Nsara tal-Punent kienu jersqu b'qima sabiex iqimu lil San Ġorġ f'dan il-post. Interessanti l-fatt li anki nies ta' reliġjonijiet oħra jersqu lejn dan is-Santwarju minn madwar it-Turkija kollha. Il-pellegrini li sal-lum għadhom iżuru l-post jgħoddu madwar 250,000 fis-sena. Il-maġġoranza tal-pellegrini jkunu Torok. Il-kanċell kbir tal-ħadid tal-monasteru kien ingħata mill-Musulman Rasoul Efenti bħala għotja ta' radd il-ħajr lejn il-Qaddis għall-fejqan ta' martu, kif tixhed skrizzjoni miktuba bil-Grieg u bit-Tork (fi lsienna 'rażul' tfisser 'appostlu').

Nhar it-23 ta' April, il-jum li fih il-Qaddis martri huwa meqjum, il-Monasteru wkoll jiċċelebra l-festa tiegħu. Fil-kalendarju tal-Orjent din id-data taħbat fis-6 ta' Mejju. Jiġu pellegrini mhux biss minn Kostantinopli imma minn bliet oħrajn sabiex iqimu lil San Ġorġ u jitolbuh l-għajnuna fil-problemi tagħhom. Meta l-pellegrini jaqilgħu xi grazzja, huma jerġgħu lura fil-monasteru u jħallu ż-żejt għal-lampa ta' quddiem l-ikona. Il-Monasteru jiċċelebra wkoll il-festa ta' Santa Tekla u madwar għaxart elef Musulman iżuru l-monasteru dakinhar – anki fil-festa tagħha, huma xorta waħda jitolbu lill-martri San Ġorġ.

Xi pellegrini jitilgħu l-għolja li fuqha jinsab il-Monasteru u jdumu telgħin madwar tletin minuta. Oħrajn jiġu bl-offerti ta' żejt, xemgħa u anki zokkor bil-ħsieb li ħajjithom tkun mogħnija bil-ħlewwa. Xi wħud minn dawn jagħżlu li ma jitkellmux sakemm jaslu biex ibusu l-ikona ta' San Ġorġ. Eluf ta' Musulmani jitilgħu jqimu lil San Ġorġ, u dawn għandhom rispett kbir lejn is-santwarji tal-Insara Griegi Ortodossi. Il-Musulmani li jqimu lil San Ġorġ hawnhekk jgħidulek ċar u tond li m'hemm xejn fir-reliġjon Musulmana li jipprojbixxi li jqimu lil San Ġorġ. Il-monaku Efrajm ta' Xenophontos li joqgħod fil-monasteru stqarr li wara tliet snin li kien ilu jgħix hemm, baqa' mistagħġeb bil-qima tal-Musulmani lejn San Ġorġ. Hu stqarr li l-Musulmani li tkellmu miegħu qalulu li huma jħossu fihom ġibda qawwija biex jitolbu bl-interċessjoni ta' San Ġorġ. Ir-raħeb Kallinikos ta' Xenophontes, li jservi fil-monasteru bħala saċerdot ukoll, stqarr ma' xi viżitaturi kemm hija kbira l-fidi tal-Iżlamiċi f'San Ġorġ. Anki l-Lhud ġieli telgħu fuq l-għolja biex jagħtu qima lil San Ġorġ.

Meta l-Arċimandrita Damianos, li huwa l-ħarries tal-Monasteru, kien mistoqsi minn xi ġurnalisti għalfejn San Ġorġ huwa meqjum anki mill-Musulmani, huwa weġeb billi semma tliet raġunijiet: l-ilbies ħadrani tiegħu jolqothom għax għalihom l-aħdar ifisser ħajja; għax ħafna Musulmani jisimgħu bil-fejqan u l-mirakli kbar li jagħmel il-Qaddis; u fl-aħħar nett għax ix-xbieha ta' qaddis rebbieħ meqjum mill-Griegi bħala *Tropeoforos* u bil-kappa fuq dahru u x-xabla f'idu tispira fosthom sens ta' rispett u biża'.

Huwa minħabba r-rispett kbir li jgawdi San Ġorġ fost l-Iżlamiċi Torok li ebda knisja Griega Ortodossa ddedikata lilu fit-Turkija qatt ma tkissret jew twaqqgħet, kif jiġri wkoll fil-knejjes iddedikati lit-*Theotokos*, jiġifieri Marija Omm Alla, li wkoll hija meqjuma u stmata bosta mill-Musulmani, imqar fil-Koran.



# Is-sbuħija tal-Familja Anici

Patri Peter Paul Cachia OSA




Meta kont Pavia, tliet snin ilu, fettilli naqbad ktieb ieħor ta' Santu Wistin. Din id-darba l-ktieb kien jittratta d-dinjità u l-qdusija tan-nisa romol. Din hija kullana ta' kotba mwaqqfa minn Patri Agostino Trapè u diretta minn Remo Piccolomini. Sibt dan il-ktieb interessanti, għax l-armla li f'isimha Santu Wistin qed jindirizza lir-romol kollha hija mill-Familja Anici.

Proprjament hija "ittra" li Wistin kiteb lil Giuliana, fl-Afrika, fejn il-familja tagħha kellha ġid kbir. Din Giuliana mill-Familja Anici, nobildonna Rumana, Wistin sar jafha wara li Ruma kienet ġiet issakkeġġjata fis-sena 410.

F'din l-ittra jidher ċar kemm Wistin kien midħla sewwa ta' din il-familja nobbli, li hija kkunsidrata waħda mill-ikbar familji tal-Imperu Ruman. Nistgħu nqegħduha jew inqabbluha fuq l-istess livell mal-Familja Palestrina magħrufa f'Ruma fis-sekli tlettax u erbatax.

Interessanti li anki San Ġlormu kien midħla sewwa ta' din il-Familja Anici. Jidher ċar ukoll li din il-familja kellha beni kbar fl-Afrika, għax mal-wasla tal-Vandali f'Ruma fis-sena 410, din il-familja spostat ruħha fl-Afrika. Hija magħrufa sewwa Proba Faltonia Anicia, it-tifla ta' Clodio Ermogeniano Olibrio, Prefett fis-snin 368-369, imbagħad Konslu fis-sena 379. Proba kellha r-raġel tagħha Sesto Petronius Probus, Konslu u Prokonslu fl-Afrika fis-sena 371.

Wistin lil din il-mara Proba kitbilha trattat ieħor jew ittra verament sabiħa fejn ikellimha fuq it-talb. Dan it-trattat huwa kkunsidrat bħala l-uniku u l-isbaħ trattat miktub minn Santu Wistin direttament fuq it-talb.

Imma nerġgħu nduru fuq Giuliana, li kienet mara eżemplari ħafna. Bħalma għidna, hija wkoll mill-familja nobbli ta' Anici. Hija kienet mart il-Konslu u Senatur Anicio Ermogeniano, bint Proba Faltonia Anici. Din Proba kienet romlot żagħżugħa. Għalhekk ikkonsagrat ruħha lil Alla u ddedikat ruħha għax-xogħlijiet ta' karità. Tant huwa hekk li tiġi mfaħħra mill-Isqof Wistin ta' Ippona, mill-Isqof Alipju ta' Tagaste, u mill-Isqof Ġwanni Kriżostmu. Demetriade, bint is-Senatur Konslu Anicio Ermogeniano Olibrio u martu Giuliana, kienet twieldet lejn l-aħħar tar-raba' seklu. Kienet wirtet mill-familja tagħha n-nobbiltà kollha, flimkien mal-fidi u l-eżempji tal-ħajja Nisranija. Imma kienet sfat orfni mal-mewt ta' missierha mal-waqgħa ta' Ruma fis-sena 410.

Persunaġġ ieħor mill-Familja Anici li jkompli jagħti ġieħ lil dan l-isem kien Anicio Manlio Torquato Severino Boezio. Dan jien sirt naf bih minħabba li l-ġisem tiegħu jinsab fil-kripta tal-Knisja ta' San Pietro in Ciel d'Oro, eżattament fejn jinsab il-ġisem ta' Santu Wistin.

Minħabba l-opri li kiteb Severino Boezio, it-tagħrif li nafu fuqu huwa biżżejjed biex inkunu nafu min kien. Anicius Manlio Torquato Severino Boezio twieled f'Ruma madwar is-sena 480 min-nisel nobbli tal-Familja Anici. Ta' żagħżugħ ġa nsibuh imdaħħal fil-ħajja pubblika ta' żmienu, u ta' ħamsa u għoxrin sena rnexxielu jilħaq senatur.

Fidil għat-tradizzjonijiet tal-familja tiegħu, insibuh impenjat fil-politika minħabba li kien konvint li huwa possibbli li jitlaqqgħu flimkien l-istrutturi fundamentali tas-soċjetà Rumana mal-valuri tal-popli ġodda. U f'dan il-mument ġdid tal-istorja fejn il-kulturi kienu qed jiltaqgħu, Boezio ħass li din kienet il-missjoni proprja tiegħu: li jaħdem biex jirrikonċilja u jressaq flimkien dawn il-kulturi, dik klassika Rumana ma' dik tal-poplu Ostrogota li kienet qed titwieled.

Lil Severino Boezio nsibuh attiv fil-politika wkoll taħt ir-Re Teodoriku, li fil-bidu kellu stima kbira lejh. Minkejja din l-attività pubblika tiegħu, huwa qatt ma ttraskura l-istudju, speċjalment fit-tisħiħ tat-temi li jolqtu dak filosofiku-reliġjuż. Iżda huwa wkoll kiteb manwali fuq l-aritmetika, il-ġometrija, il-mużika, l-astronomija: kollha bl-intenzjoni li jgħaddihom lill-ġenerazzjonijiet futuri, għaż-żminijiet moderni, il-kultura kbira Griega-Rumana.

F'dan il-kuntest, jiġifieri fl-impenn li jippromovi s-sħuħija tal-għaqda tal-kulturi, kien juża l-kategoriji tal-filosofija Griega biex jipproponi l-fidi Nisranija. Hawn ukoll insibu lil Boezju fit-tfittxija ta' sintesi bejn il-wirt Ellenistiku-Ruman u l-messaġġ tal-Vanġelu. Preċiżament għal din ir-raġuni, Boezju kien ikkwalifikat bħala l-aħħar rappreżentant tal-kultura Rumana antika u l-ewwel intellettwali Medjevali.

Huwa kien ġie akkużat b'mod falz b'komplott kontra r-Re Teodoriku minħabba li kien iddefenda fil-qorti l-ħabib tiegħu, is-Senatur Albinu. Iżda dan kien pretest: fil-realtà r-Re Teodoriku, Arjan u barbaru, ħaseb li Boezju kellu simpatija mal-Imperatur Biżantin Ġustinjanu. Fil-fatt, kien ġie eżiljat f'Pavia, ipproċessat u kkundannat għall-mewt, li ġiet esegwita fit-23 ta' Ottubru 524, fl-età ta' 44 sena.

Wara l-mewt ta' Teodoriku, li seħħet fit-30 ta' Awwissu 526, il-ġisem ta' Severino Boezio kien ġie midfun fil-Bażilika ta' San Pietro in Ciel d'Oro. Il-festa tiegħu tiġi ċċelebrata fit-23 ta' Ottubru. Santu Wistin u San Severino Boezio llum huma l-Patruni ta' Pavia.

# Il-kummissjoni u t-twettiq tat-Tribuna fil-Bażilika ta' San Ġorġ

## Għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha

(L-Ewwel Parti)

Charles Cassar

Fis-sena li ntemmet, it-tribuna fil-Bażilika ta' San Ġorġ għalqet ħamsin sena minn meta fl-1967 twaqqfet maestuża 'l fuq u madwar l-altar mejda li kien tpoġġa fl-1960. Nistgħu ngħidu b'ċertezza li din l-opra artistika kienet il-quċċata ta' sensiela ta' inizjattivi u xogħlijiet li saru biex il-knisja parrokkjali tal-gżira Għawdxija, li kienet ewlenija fl-importanza tagħha minn żmien il-qedem, tissebbaħ aktar u tikber fil-prestiġju artistiku tagħha. Imma fuq kollox it-tribuna u l-altar ta' taħtha saru biex iservu ta' simbolu aħħari u singulari ta' meta l-mibki Papa Piju XII (1876-1958) kien għolla l-knisja Ġorġjana għad-dinjità ta' Bażilika; aħbar li kienet waslet u ntlaqgħet b'entużjażmu kbir nhar il-Ħadd 5 ta' Ottubru 1958.

L-istudju tal-istorja tal-arti ma jiffokax biss fuq l-apprezzament ta' xi xogħol artistiku, imma jinkludi wkoll diversi fergħat oħra. Waħda minn dawn il-fergħat hi l-importanza li l-istudjuż tal-arti jagħti biex jifhem u jiġbor tagħrif fuq il-kummissjoni ta' xi opra tal-arti li tkun tinteressah: il-mod ta' kif u lil min ingħata x-xogħol



Paolo Pace, magħruf bħala "Ix-Xejxier", fil-Funderija fl-Italja magenb kapitella tal-kolonna għat-tribuna l-ġdida.

– li jinkludi wkoll l-għażla intgħażel artist minn ieħor; il-preparamenti li saru u d-deċiżjonijiet li ttieħdu biex intgħażel id-disinn/mudell aħħari; il-persuni kollha li kienu involuti kemm fil-kummissjoni u kemm fit-twettiq tal-opra, f'dan il-każ tagħna fejn twettaq ix-xogħol ta' funderija; u mbagħad kif l-opra waslet u twaqqfet fil-Bażilika Ġorġjana.

Dan l-istudju hu msejjes fuq sensiela ta' dokumenti li jippartjenu prinċipalment lill-Arkivju li hemm fil-Bażilika ta' San Ġorġ u ieħor fil-kollezzjoni ta' John Cremona li kien jippartjeni lill-Arċipriet Mikiel Cefai (1899-1981). Id-dokumenti kollha li kienu studjati f'dan l-eżerċizzju huma ġabra sostanzjali ta' ittri li nkitbu minn Ruma minn Paolo Pace kemm lil Dun Anton Grech Vella (1917-2008) u kemm lill-Arċipriet Cefai. Min-naħa l-oħra, wieħed għandu jenfasizza li ma kellniex aċċess għall-ittri li ntbagħtu minn Għawdex lejn Ruma. Għalhekk, meta wieħed jifli l-ittri li jeżistu fl-arkivji f'Għawdex, ikun bħal donnu qed jisma' telefonata minn naħa waħda.



Il-"baldakkin" ta' San Pietru fil-Vatikan.

Ta' min jgħid li Paolo Pace min-naħa tiegħu kien midħla ta' bosta kwartieri kemm fil-Vatikan u kemm ċivili, u kellu wkoll kuntatti ma' diversi artisti u ditti Taljani fil-qasam tal-arti u l-manufattura tagħha. Sors ieħor li kien mistħarreġ kien id-djarju li kien iżomm b'mod metikoluż il-mibki Kan. Nikol Vella Apap (1930-2000), u li minnu prinċipalment ħadt tagħrif ta' meta t-tribuna waslet Għawdex u wara ntramat f'lokha.

Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-persuni li jien kellimt, fosthom is-Sur Ġuzeppi Sagona, li għenuni u qasmu miegħi dak li jiftakru fit-twettiq ta' dan il-proġett. Min-naħa l-oħra hi ħasra li bosta memorji ta' individwi li kienu mdaħħlin sewwa kemm fil-kummissjoni tat-tribuna, kemm fl-eżekuzzjoni tagħha, illum ma għadhomx magħna u għalhekk issa ntilfu għal dejjem: fost oħrajn persuni bħall-Arċipriet Mikiel Cefai, il-Prokuratur Dun Anton Grech Vella, Paolo Pace, Ġanni Galea, Ġorġ Gauci u Anton Saliba.



attesa per lunghissimi 16 mesi, ma pazienza, forse ci sono delle ragioni che hanno ...
gerito questa data.

Approfitto della presente, per far sapere al caro Giuseppe che verso il 10 di gennaio, gradirei iniziare il lavoro di Ghasri, in modo che Lui possa regolarsi.

Invio i miei devoti ossequi e saluti.

Paolo

P.S. In merito al progetto della Tribuna sto preparando tutti i disegni, come pure prezzo totale e separatamente altare.

P.

L-ewwel ittra ta' Pace li ssemmi "l-proġett tat-tribuna", 18 ta' Novembru 1958.

Ftit wara li l-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ inqatgħet mill-Knisja Katidrali tal-Assunta fl-1955, kienet inbdiet mixja minn diversi persuni – kemm membri tal-kleru, kemm persuni midħla sew tal-knisja Ġorġjana u tal-Banda La Stella – li b'ħeġġa kbira bdew jaħdmu biex il-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ tingħata dawk il-privileġġi li kienu ċċaħħdulha matul il-mitejn u sitta u sebgħin sena li kienet magħquda mal-Knisja tal-Kastell. Kien f'dan il-perjodu li l-knisja bdiet tissebbaħ aktar b'diversi opri; l-iżjed bil-kisi bl-irħam tal-intern kollu u l-pittura tas-saqaf. Kien f'dan iż-żmien ukoll li kienet saret talba lis-Santa Sede fil-Vatikan, segwita minn trattattivi sfiqa, biex il-Knisja ta' San Ġorġ tingħata t-titlu ta' Bażilika.

Żgur li meta beda jidher li t-talba ta' Bażilika – minkejja bosta intoppi u qtigħ il-qalb – kienet ser issir realtà, kien beda jinbet ukoll il-ħsieb li mal-għoti ta' Bażilika kien meħtieġ tibdil arkitettoniku u artistiku fil-knisja; l-iktar biex l-altar maġġur jinbidel minn dak 'tradizzjonali' għal wieħed f'forma ta' mejda. Flimkien mal-altar mejda kien meħtieġ ukoll li tissawwar tribuna madwar u fuq l-altar bħal kważi l-bażiliki kollha li hemm fil-Belt Eterna, simbolu realistiku tal-istat bażilikali tal-knisja. Fil-fatt, f'ittra mibgħuta minn Paolo Pace lil Mons. Cefai, u datata 18 ta' Novembru 1958, jidher li kienu diġà bdew isiru l-preparamenti meħtieġa.



L-ewwel abbozz ta' tribuna li ħadem Pisi.

Ta' min jefasizza li din l-ittra nkitbet xahar biss wara li tħabbar uffiċjalment li San Ġorġ kien ġie mgħolli għal Bażilika. Fl-aħħar ta' din l-ittra ttajpjata, Pace żied nota miktuba b'idejh: "P.S. Rigward il-proġett tat-Tribuna qiegħed nipprepara kollox – disinni, u wkoll il-prezz totali, u separatament l-Altar". Minn din in-nota wieħed jista' jifhem li f'dan il-perjodu partikolari x-xogħol fuq it-tribuna kien qiegħed jinżamm separat minn dak tal-altar, u għalhekk l-artist li kellu jkun ikkummissjonat ix-xogħol tat-tribuna forsi kien maħsub li jkun xi ħadd ieħor u mhux Carlo Pisi. Wieħed irid jifhem li t-tribuna hija fiha nfisha xogħol strutturalment arkitettoniku, u għalhekk l-artist tagħha kellu jkun wieħed li jkun studja l-arkitettura. Wieħed għandu biss jiftakar fil-problemi li sab ma' wiċċu Gian Lorenzo Bernini (1598-1680) meta ġie biex jgħaqqad il-parti ta' fuq tat-tribuna f'San Pietru, li ma kienx għall-għajnuna tal-arkitett Francesco Borromini (1599-1667).

F'ittra oħra datata 20 ta' Novembru 1958 (jiġifieri jumejn biss wara dik diġà msemmija), din id-darba indirizzata lil Dun Anton Grech Vella, Pace jammetti li x-xogħol tat-tribuna kien wieħed ikkumplikat bil-bosta minħabba l-istudju li kellu jsir fuq il-qisien, kif ukoll fuq l-eżekuzzjoni kumplessa tagħha. Madankollu Pace kompla billi pprova jserraħ ras Dun Anton billi kitiblu li x-xogħol ta' studju kien tabilħaqq qed isir, speċjalment fuq il-prezz li kellha tiġi tiswa l-parti inizjali tat-tribuna, jiġifieri: l-altar maġġur u t-turġien tiegħu, u separament il-valur tal-erba' pilastri li kellhom iġorru fuqhom ukoll l-istemmi pontifikali tal-irħam, u dan flimkien mal-partijiet li kellhom isiru mill-metall.

Fl-istess ittra Pace żgura li hu kien diġà ltaqa' mal-kollaboraturi tiegħu diversi drabi, fejn studjaw sewwa l-proporzjonijiet tat-tribuna. Hawnhekk ta' min jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej li meta wieħed jifli d-dokumenti jinduna li l-kummissjonanti fil-bidu kienu għadhom jistudjaw qabel jaqtgħuha jekk it-tribuna kellhiex tkun magħmula mill-metall jew mill-irħam.

Mix-xhieda li għad fadal fl-arkivji, jidher ċar li kien hemm kuntatt kontinwu, u ta' spiss, bejn Paolo Pace u l-Prokuratur Grech Vella, u wkoll l-Arċipriet Cefai, l-iktar permezz ta' ittri u anki ta' żjarat li Paolo Pace kien jagħmel lejn Għawdex, u min-naħa l-oħra ta' Dun Anton u l-Arċipriet lejn Ruma. Hija għalhekk ħasra li ma għadhomx jeżistu aktar fl-Arkivji l-ittri li nkitbu minn Paolo Pace lill-Arċipriet Cefai u wkoll lil Dun Anton bejn Diċembru 1958 u Ottubru 1959. Żgur li matul dawn l-għaxar xhur kien qed isir xogħol fuq id-disinni u żviluppi oħra marbuta mat-tribuna.

Tabilħaqq dan nistgħu narawh mill-ittra li Pace bagħat lil Dun Anton bid-data tad-29 ta' Ottubru 1959. Din l-ittra nkitbet b'risposta għal ittra oħra (ta' Dun Anton) li s-suġġett tagħha kien speċifikament it-tribuna. Fl-ittra tiegħu Pace jagħti l-parir li wieħed għandu jiżen tajjeb il-possibbiltajiet kollha marbuta mal-proġett – inkluż l-prezz totali u l-finezza tax-xogħol mitlub – qabel ma wieħed iwarrab disinn/proġett għal ieħor. Hu kien tal-fehma li wieħed ma setax jagħmel xebh bejn prezz ta' oġġett fondut bħal qanpiena li jkollha ftit dekorazzjoni u oġġett ieħor bħal kolonna li d-dekorazzjoni tagħha u x-xogħol li kellu



*Paolo Pace* - ROMA - VIALE MEDAGLIE D'ORO, 283 - Telefoni 34 22 82 - 34 24 67

Roma 4 Maggio,1960

Al Rev.mo Mons. Michele Arciprete Cefai
Al Rev. Sac. Antonio Grech Procuratore

Con la presente, sottometto alla Vostra attenzione i singoli Preventivi per l'esecuzione della prima parte della Tribuna, vale a dire a) La Mensa, b) i Gradini, c) 4 Piedistalli /Base. Dettagli particolareggiati, vedere lettera a parte

Il prezzo sotto indicato, si riferisce, per lavoro pronto e consegnato a bordo F.O.B. Livorno.

PREVENTIVO (A) 4 Pilastri/Base eseuite, primo Zoccolo (altezza pari al primo gradino) in Rosso Levanto (Violaceo) secondo Zoccolo in Portoro, Cornice sotto e sopra di Broccatello di Siena a massello (forato al centro per la colata del cemento armato) Riquadratura Nudi Pilastri angoli a Massello in S. Florian, Fondo di Onice e Cornicetta di Giallo.

(B) Tutti i Gradini a bastone con Sottogradi a guscio e piano sopra, tutto in marmo Bianco Dervillé.

(C) Lastra Mensa 8 ft. 7½ incs. x 4 ft. 0 Spessore 0§ 4 incs. et Lastra Base sotto gl'Angeli di Spessore 0'2 incs Bianco Dervillé.

Prezzo F.O.B. Livorno £ 1,170.0.0

PREVENTIVO Modellazione Scultore Prof. C. Pisi di Quattro Angeli in gesso:-

Prezzo £ 220.0.0

PREVENTIVO Esecuzione in Marmo Quattro Angeli in Marmo Porracci di Henraux:-

Prezzo F.O.B. Livorno £ 815.0.0

PREVENTIVO Ornatista - Esecuzione di Otto Stemme con grande rilievo, con marmo Statuario Bianco, lavoro accuratissimo e Lucido (4 Stemme Papali, 2 Pacelli, 2 Roncalli) (2 Stemme Epis. Pace & 2 Stemme Arcip. Cefai)

Prezzo £ 480.0.0

PREVENTIVO Aggiunta Pavimentazione Presbyterio, 50 marmette applicate su Travertino di Verde Alpi & Giallo Siena, et 45 marmette Bianco Carrara

Prezzo £27 & £18 rispettivamente £ 45.0.0

Paolo Pace

Preventiv tal-4 ta' Mejju 1960.

jsir fuqha jkun wisq aktar sofistikat. Issemmiet qanpiena, għax milli jidher Dun Anton kellu f'moħħu li x-xogħol ta' funderija jagħtih lid-Ditta Barigozzi ta' Milan. Mal-ittra Pace kien bagħat disinn ta' waħda mill-kolonni u ssuġġerixxa lil Dun Anton biex hu jfittex li jġib tal-inqas kwotazzjonijiet mingħand żewġ funderiji oħra ta' fama u li għalhekk ikunu kapaċi jaħdmu xogħol ta' sengħa kbira.

Pace stqarr ukoll li safejn kien jaf hu, it-tribuni kollha li kienu jeżistu fil-knejjes fl-Italja – barra dik f'San Pietru – kienu kollha tal-irħam. Għalhekk hu wisq probabbli li Dun Anton, fl-ittra tiegħu ta' qabel, kien kiteb li preferibbilment it-tribuna kellha tkun tixbah lil dik tal-Bernini, u wkoll il-possibbiltà li t-tribuna bħalha setgħet tinħadem tal-irħam. Min-naħa tiegħu, Pace kiteb li kien żgur li strutturalment dan ma kienx possibbli. Dan billi l-kolonni ma setgħux ikunu eħxen minn "pied-u-nofs" (45ċm) u wkoll kull kolonna riedet tkun maqsuma fi tliet biċċiet. Għalhekk kolonni hekk dgħajfa ma setgħux jifilħu struttura fuqhom li tkun tqila diversi tunnellati.

Minkejja dan, Pace ried iserraħ moħħ Dun Anton billi kompla jikteb li għalkemm kien jara bosta diffikultajiet, hu ma kienx imbeżża' u kien jemmen li bit-teknoloġija ta' dak iż-żmien it-tribuna setgħet titwettaq kemm fl-irħam u kemm fil-metall. L-unika ħaġa li ma setgħux b'xi mod jibdlu kienet l-ispiża totali li żgur kellha tkun waħda enormi, u minkejja l-fatt li Dun Anton kien kapaċissmu biex isib tant benefatturi, kien ser ikun kważi impossibbli li jiġbru dik is-somma tant kbira. Paolo Pace għalaq jikteb billi reġa' fakkar lil Dun Anton biex jaħsbu mitt darba qabel ma jaqtgħu darba u jerġgħu jixtarru s-soluzzjonijiet possibbli, l-aktar biex l-opra tkun waħda oriġinali. Fuq kollox "non dobbiamo fare un verbo di suggerimenti di persone incompetenti, proviamo e proviamo ancora, prima della definitive soluzione".

F'ittra oħra mibgħuta minn Ruma u datata 29 ta' Diċembru 1959, Pace ferħan jgħarraf lill-Mons. Cefai li ħatnu, il-Professur Pisi, kien qed jipprepara buzzett magħmul mill-ġibs għat-tribuna, bit-tama li dan jogħġob lin-nies "difficili (biex togħġob) tagħna", u li l-ispiża totali kellha tkun raġonevoli u għalhekk tista' tintlaħaq. Barra minn hekk, Pace għarraf ukoll li hu kien sejjer jieħu l-parir awtorevoli tal-Prof. Conti fuq l-istess disinn. Minn hawn jidher ċar li Conti kien pern importanti f'diversi xogħlijiet artistiċi li saru matul il-ħamsinijiet u s-sittinijiet tas-seklu għoxrin f'San Ġorġ – imma dwar dan niktbu darba oħra.

Hu wisq probabbli li kien Paolo Pace stess, permezz tal-karozza tiegħu, li ġab l-abbozz tat-tribuna ddisinjata minn Pisi f'Għawdex. Dan għaliex jeżistu diversi indikazzjonijiet ċari f'numru ta' ittri li juru li Pace kien iwassal hu personalment materjal bil-karozza privata tiegħu mill-Italja għal Għawdex; speċjalment meta dawn kienu ta' daqs żgħir u li seta' jiġrilhom ħsara bit-traġitt. Dan Pace kien jagħmlu kemm għal dak li kellu x'jaqsam ma' San Ġorġ, u kemm għal kummissjonijiet li hu kien jirċievi minn knejjes u individwi privati oħra.

Huwa żgur li l-buzzett ta' Pisi ma kienx intlaqa' tajjeb minn dawk li rawh, għalkemm ma nafux dawn min kienu u min ħa d-deċiżjoni aħħarija. Ma nafux ukoll jekk il-mudell kif ipproġettat minn Pisi kellux isir tal-irħam jew fil-bronż. Ta' min isemmi li Pisi fil-buzzett tiegħu kien ipproġetta li jwettaq, fl-intern tal-ispeċi ta' koppla, glorja ta' anġli ta' delikatezza liema bħalha li kellha tara l-kontinwazzjoni tagħha fil-glorja li hemm fl-arzella fuq il-Fonti tal-Magħmudija. Jista' jkun li għalkemm il-buzzett ta' Pisi kien wieħed oriġinali u mfassal skont l-idjoma artistika ta' żmienu, min-naħa l-oħra l-promoturi f'Għawdex ħassew li l-parti ta' fuq, forma ta' koppla, kienet ser toħnoq wisq l-ispazju ta' madwarha, u wkoll tgħatti l-Arzella tal-Kor – meta rridu niftakru li din l-arzella kienet għadha kif iżżanżnet wara li tpittret f'postha minn Gian Battista




Disinn ta' pilastru misjub qalb il-korrispondenza ta' Pace lil Dun Anton Grech Vella.



It-Tribuna ta' Santa Marija Maggiore

Conti. Jidħol ukoll id-dubju (jekk mhux il-possibbiltà kbira) li l-kummissjonanti ma kienx jinteressahom, u forsi ma kinux jafu, l-istil ta' arti prevalenti f'dak iż-żmien, imma kienu jirraġunaw li l-Knisja ta' San Ġorġ kienet kollha magħmula fi stil Barokk – anki jekk dan mhux veru – u għalhekk kull opra oħra li kellha titwettaq kellha tkun f'dan l-istil.

L-ordni mingħand l-Arċipriet Cefai biex jinbeda x-xogħol ta' skultura fuq l-ewwel fażi tal-proġett ingħatat f'Mejju 1960, wara li ftit jiem qabel Pace kien bagħat ittra/kwotazzjoni (datata 4 ta' Mejju 1960) tal-ispiża li kellhom jiswew l-altar flimkien mat-turġien u l-erba' pilastri. L-istess kwotazzjoni ssemmi d-diversi tipi ta' rħam ta' kwalità mill-aqwa li kienu ser jintużaw fil-pilastri: Rossa Levante (għal bażijiet); Brocatello di Siena (għall-gwarniċi, li ta' min jgħid li kull wieħed hu magħmul minn blokka sħiħa); San Florian Francese, Onice u Breccia Aurora (għall-parti l-wieqfa); u Porracci del Henraux (għall-istemmi). Ix-xogħol ta' mudellatura sar minn Carlo Pisi, waqt li x-xogħol fl-irħam sar mid-Ditta Aldo e Gualtiero Rebechi Fu Lazzaro ta' Pietrasanta, l-Italja. Ta' min jgħid li għall-bidu l-istemmi kienu ppjanati li jkunu mnaqqxa mill-iskultur Quirino Gamba (li kellu bottega f'Pietrasanta u li kien attiv bejn l-aħħar tat-Tieni Gwerra u l-1967).

Fl-ittra tiegħu tal-11 ta' Mejju 1960, Paolo Pace stqarr li hu kien jemmen li bis-saħħa tax-xogħol magħmul minnu, flimkien mal-kollaboraturi tiegħu, kien ser iwassal biex it-tribuna tkun "l'incoronamento… della nostra Basilica". Fl-istess ittra Pace informa lil Dun Anton li kien biħsiebu jiġi Għawdex u miegħu jġib il-pjanta b'qisien eżatti (a scala naturale) għat-tqegħid tal-pedament, tal-artal u wkoll tal-erba' pilastri. Dan kien xogħol importanti u li kellu jieħu madwar xahar biex jitlesta. Dan ix-xogħol, li kien jinkludi wkoll it-tkabbir tal-presbiterju, kien sar ftit wara l-Festa ta' San Ġorġ tal-1960.

Matul is-sena 1960 ix-xogħol kien iffukat sewwa fuq l-eżekuzzjoni tal-altar mejda, għalkemm it-tribuna baqgħet f'moħħ kemm il-kummissjonanti tagħha u kemm l-artist Pisi. Għall-kummissjoni u informazzjoni oħra fuq l-altar mejda – li wara kollox hu parti waħda mal-proġett kollu – wieħed għandu jara l-ktieb: Francesco Pio Attard (Ed.), Nidħol ħdejn l-altar ta' Alla, Malta 2010. Imma ta' min jinkludi l-opinjoni li għadda l-pittur Conti. F'ittra datata 19 ta' Ġunju 1960 mibgħuta minn Pace, dan jinforma lill-Arċipriet Cefai u jgħidlu li bejn Conti u Pisi kienet teżisti ħbiberija sinċiera u li t-tnejn kienu jfittxu l-opinjoni ta' xulxin. Conti kien stqarr ma' Pisi li hu għall-bidu kien kontra li jitneħħa l-altar maġġur sabiħ u floku jsir altar mejda, imma meta ra b'għajnejh il-mudelli mwettqa minn Pisi, hu baqa' mistagħġeb u entużjażmat bis-sbuħija tagħhom, u fi kliemu qal: "Bellissimi, bellissimi, molto belli".

L-altar mejda tqiegħed f'postu bejn Novembru u Diċembru 1960 u kien iddedikat mill-Isqof Giuseppi Pace nhar l-Erbgħa 21 ta' Diċembru 1960. Għalhekk issa kien jonqos ix-xogħol fuq it-tkomplija tat-tribuna. U dan barra opri oħra li kienu ġew ikkummissjonati u mwettqa dak iż-żmien. Insemmi s-sett ta' gandlieri, iż-żewġ aquasantieri, it-twieqi stained glass tal-koppla, it-tkomplija tal-pittura minn Conti fil-korsija, u diversi opri oħra. Iżda t-tribuna, barra li kienet xogħol impenjattiv bil-bosta, kienet tirrikjedi spejjeż kbar u f'dak iż-żmien, żgur minħabba impenji oħra kif ġa semmejt, il-flus kienu skarsi.

Fil-fatt, it-tribuna bħal donnha tgħib fil-ktiba tal-ittri u l-ewwel darba li terġa' tissemma jkun f'ittra tal-20 ta' April 1963 li Paolo Pace bagħat lil Dun Anton Grech Vella. Pace ammetta li għalkemm Dun Anton kien qallu li ma kienx fadallu flus, hu kien interessa ruħu u kien żar xi funderiji li deherlu setgħu jaħdmu l-kolonni. Fl-istess ittra Pace kiteb li l-ewwel darba li kien se jerġa' jżur Għawdex hu kien ser iġib miegħu ritratti tat-tribuna li hemm f'Santa Maria Maggiore f'Ruma. Pace stqarr ukoll li flimkien mal-perit tiegħu kienu qassmu u kejlu b'mod eżatt il-qisien kollha ta' kif għanda togħla t-tribuna, biex b'hekk Dun Anton u l-kollaboraturi tiegħu jkunu jistgħu jwettqu l-provi meħtieġa fil-post.

Mill-fatti miktuba f'din l-ittra jidher sewwa li f'dak iż-żmien partikulari kienet għadha ma ttieħditx deċiżjoni aħħarija kif kellha tkun id-dehra tat-tribuna. It-tribuna maestuża li hemm fuq l-Altar tal-Konfessjoni f'Santa Marija Maggiore saret fuq id-disinn tal-Perit Ferdinando Fuga (1699-1782). Din it-tribuna għandha xebh ma' dik f'San Pietru, bid-differenza li l-kolonni imponenti tagħha huma tal-porfirju, tip ta' granit b'saħħtu imma rari, u għalhekk jiswa ferm flus. Jista' jkun li din kienet ir-raġuni li ġagħlet lill-kummissjonanti tagħna jwarrbu l-ħsieb li jagħmlu t-tribuna bħal dik ta' Santa Maria Maggiore.

*jissokta fil-ħarġa li jmiss…*

# San Ġorġ "Kolleġġjata"

## Tifkiriet sbieħ ta' erbgħin sena ilu?

(It-Tieni Parti)

Francesco Pio Attard

**Il-Pussess tal-ewwel Kanonċi**

Il-Pussess tal-ewwel Kanonċi tal-Kolleġġjata Ġorġjana nżamm ħmistax wara dak tal-Arċipriet il-ġdid Emanuel Mercieca, nhar is-Sibt 10 ta' Lulju 1976. Kienet "xena li tibqa' fl-imħuħ tal-mijiet ta' nies li mlew il-Bażilika", ċerimonja tabilħaqq memorabbli. Dakinhar il-Banda *La Stella* laqgħet il-kanonċi l-ġodda fi Triq ir-Repubblika u wasslithom b'daqq ta' marċi ferrieħa sa Pjazza San Ġorġ. Hemm, l-Arċipriet Mercieca għamel indirizz ta' merħba, u wara l-kanonċi daħlu fil-Bażilika armata għall-festi



Il-kanonċi ġodda milqugħa fi Pjazza San Ġorġ.

fejn bdiet iċ-ċerimonja tal-Pussess immexxija mill-Isqof Djoċesan. Wara l-qari tad-Digriet tal-ħatra minn Mons. Beneditt Camilleri, Kanċillier tal-Kurja Veskovili, l-Isqof ta lil kull wieħed mill-kanonċi l-abiti korali, u wara li ntlibsu, ittieħed il-ġurament ta' lealtà lejn il-Parroċċa ta' San Ġorġ bil-bews tal-altar maġġur minn kull kanonku. F'din l-okkażjoni, anki l-Isqof, bħala Dekan u l-Ewwel Dinjità tal-Kapitlu l-ġdid, ħa l-pussess tiegħu u tela' l-ewwel wieħed ibus l-altar. Wara dan, flimkien ma' Mons. Isqof il-kanonċi ħadu għall-ewwel darba posthom fil-Kor u mbagħad ħadu pussess ukoll tal-Awla Kapitulari (din kienet ilha mibnija mill-1905, meta Mons. Giuseppe Farrugia kien diġà ħaseb għaliha fid-dawl tax-xewqa bikrija li titwaqqaf Kolleġġjata). Ma naqasx li jingħataw il-pussessi tal-uffiċċji ta' Teologu u Penitenzier.



L-Isqof Cauchi jieħu l-Pussess tiegħu bħala Dekan.



Il-Pontifikal tal-Pussess tal-Ewwel Kanonċi.

Wara l-funzjoni, l-Isqof mexxa Pontifikal għall-ewwel darba bis-sehem tal-Kapitlu, fejn għamel l-omelija tal-okkażjoni. Fi tmiem il-Quddiesa, inqara telegramm mibgħut erbat ijiem qabel mill-Kapitlu tal-Arċibażilika tal-Lateran f'Ruma, li magħha l-Bażilika Ġorġjana kienet ilha aggregata sa minn Marzu 1968. Kien hawn ukoll li l-Arċipriet irregala lill-Isqof kalċi ta' tifkira bħala sinjal ta' ħajr għas-sehem indispensabbli tiegħu biex tintemm it-tilwima parrokkjali u San Ġorġ jingħata l-ġieħ meritat ta' Kolleġġjata. Għall-quddiesa attendew bosta personalitajiet distinti, li mbagħad komplew jaqsmu fil-ferħ tal-okkażjoni mal-kanonċi l-ġodda, il-familjari tagħhom, u l-Kumitat tal-Banda *La Stella* u l-bandisti, f'riċeviment li sar fil-Każin *La Stella*.

Il-Kapitlu l-ġdid ta' San Ġorġ ġie onorat ukoll b'Akkademja li nżammet fil-Bażilika l-għada l-Ħadd 11 ta' Lulju filgħaxija, u li fiha ħa sehem għall-ewwel darba f'Għawdex il-Kor tal-*Malta Choral Society*, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Vella, bis-sehem tas-sopran Antoinette Miggiani u t-tenur Joe Huber. Sar diskors ta' merħba mill-Arċipriet Mercieca, ieħor mill-istoriku John Bezzina dwar il-qedem tal-parroċċa, u dak prinċipali li spikka tassew mill-biblista Patri Eġidju Mizzi OFMCONV dwar it-tifsira storika u reliġjuża tal-Kolleġġjata. Il-Kan. Joe Mejlak qara l-poema tiegħu "Kolleġġjata Ġorġjana", li flimkien mal-profili tal-kanonċi l-ġodda dehret fuq ktejjeb



L-Isqof jippresiedi l-Pontifikal tal-10 ta' Lulju 1976.



Waqt l-Akkademja tal-11 ta' Lulju 1976.



Id-diskors tal-Isqof.

ta' tifkira. L-Avukat Ġorġ Zammit ukoll qara l-poeżija tiegħu "Ħareġ rebbieħ biex jirbaħ". Id-diskors tal-għeluq sar mill-Isqof u Dekan Nikol Ġ. Cauchi, li ma naqasx li jrodd ħajr lill-poplu li finanzjarjament għen fit-twaqqif tal-Kolleġġjata l-ġdida.

F'Messaġġ li ħalla fil-ktejjeb ta' tifkira msemmi, l-Arċipriet Mercieca kiteb hekk:

> Il-ħsieb ilu jberren f'moħħna u x-xewqa tħeġġeġ f'qalbna li naraw il-Parroċċa ta' San Ġorġ mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata. Is-siegħa waslet, u f'dawn il-ġranet qed infakkru b'ċelebrazzjonijiet sbieħ din id-data storika. Kemm xtaquha ta' qabilna ġrajja bħal din u ma rawhiex! Mess lilna, wara tant taħbit u sagrifiċċji,



Uħud mill-kanonċi l-ġodda.

> li naraw dan il-ġieħ mogħti lill-Parroċċa ta' San Ġorġ u ngawdu l-frott ta' ħidma ta' bosta snin. Parroċċa fil-qalba tal-gżira Għawdxija u fil-qalba tal-Belt Victoria, maħkuma u ffrekwentata mit-trufijiet kollha tal-gżira, kien jixirqilha ġieħ bħal dan.

Ma rridux ninsew li diġà fi żmien l-Isqof Giovanni Maria Camilleri OSA, u bil-kunsens tiegħu, fl-1895, Mons. Giuseppe Farrugia ('Tal-Vers') kien tħabat ħafna biex f'San Ġorġ jitwaqqaf kulleġġ ta' kanonċi aggregat mal-Ordni tal-Kanonċi Regolari ta' Santu Wistin magħrufa bħala Lateranensi (fuq il-mudell ta' abbazija territorjali), imma dan sab it-tfixkil tal-Kapitlu tal-Katidral.

**Festa wara tmien snin**

Dik ta' Lulju 1976 kienet l-ewwel Festa titulari ta' San Ġorġ wara waqfa ta' tmien snin minħabba l-inkwiet parrokkjali fir-Rabat. Għalhekk wieħed jista' jimmaġina x'ħeġġa u stennija kien hemm għaliha, u b'liema ħrara l-poplu Ġorġjan iċċelebra lill-Patrun tiegħu, fuq ġewwa u fuq barra, iktar u iktar issa li mhux biss fil-Belt Victoria reġgħet saltnet il-paċi, imma l-Parroċċa tiegħu kellha mill-ġdid l-Arċipriet tagħha u Kolleġġjata Urbana. Mijiet minn kullimkien ħonqu l-Bażilika u t-toroq tal-Belt Victoria.



LEJLA KULTURALI FL-OKKAŻJONI TAL-PUSSESS TA' L-EWWEL KANONĊI TAL-KOLLEĠĠJATA U BAŻILIKA PROTO-PARROKKJALI SAN ĠORĠ MARTRI VICTORIA GĦAWDEX 11 TA' LULJU 1976.

Programm tal-Akkademja ta' Tifkira tal-Kolleġġjata l-ġdida.



L-ewwel ritratt uffiċjali tal-Kapitlu Ġorġjan, Lulju 1976.

Il-festi saru f'dik il-ġimgħa bejn it-12 u t-18 ta' Lulju. Fost iċ-ċelebrazzjonijiet li jibqgħu mfakkra hemm dik tat-13 ta' Lulju, meta l-Isqof Cauchi amministra s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni lil fuq mija sebgħa u sebgħin student u studenta. Minħabba dan in-numru kbir ta' kandidati – minħabba l-inkwiet parrokkjali l-Griżma kienet ilha ma ssir – din inżammet fi Pjazza San Ġorġ, li kien fiha dehra



Il-kanonci ġodda Ġorġjani jieħdu sehem għall-ewwel darba fil-Festa ta' San Ġorġ 1976.



Il-Kapitlu fit-Translazzjoni Pontifikali ta' San Ġorġ.

kważi spettakolari b'dawk iż-żgħażagħ, parrini u familjari kollha. Ġurnata qabel, l-Isqof amministra għall-ewwel darba l-Ewwel Tqarbina fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Kien hu wkoll li niseġ il-paniġierku ta' nhar il-Festa.

Lejlet San Ġorġ, is-Sibt 17 ta' Lulju, l-Onor. Agatha Barbara, Ministru għax-Xogħol u l-Kultura, kixfet lapida fil-Bażilika biex tfakkar il-ġrajja storika tal-għoti tal-ġieħ tal-Kolleġġjata, bil-ħidma kbira tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* "li ħasbet u ħadmet biex il-Parroċċa ta' San Ġorġ mill-ġdid tingħażel għaliha". Il-lapida kommemorattiva mbagħad tbierket mill-Isqof Cauchi.

**Storja ta' erbgħin sena**

Erbgħin sena ilu, il-mibki Kan. Joe Mejlak kien ħallielna dawn il-versi mirquma fil-poema tiegħu "Kolleġġjata Ġorġjana" (20.05.1976):

Dan hu li ġiebet magħha lill-Ġorġjani,
imżewqa kollha fjur din ir-rebbiegħa:
ġrajja ma tintesiex, 'ma tibqa' mnaqqxa
ġol-fond ta' qalbna 'l isfel biex ngħiduha
kull wieħed minna għada lil uliedna
u dawn 'l ulied uliedhom li fuq fommhom



Il-Kapitlu Ġorġjan miġbur madwar il-Kardinal Paul Augustin Mayer.



Inawgurazzjoni ta' lapida fl-Awla Kapitulari f'-ħamsa u għoxrin sena tal-Kolleġġjata Ġorġjana, 10 ta' Lulju 2001.

għad jilgħab bla waqfien l-isem ta' Ġorġi;
waqt li l-imħabba li bħal liedna xxettel
u tqabbad l-għeruq tagħha ġol-irkejjen,
tinġibed minn kull sider li jsaħħaħha
biex hemm titmantna u tkun tista' tgħaddi
u tħalli għelm, kif tagħmel xabla msinna,
minn żmien għal ieħor fuq l-ulied Ġorġjani.

Minn dak iż-żmien, dan il-kulleġġ ta' "erbatax-il stilla", kif sejjaħlu Mejlak fl-istess poema, kiber fil-għadd u kien protagonista ta' bosta ġrajjiet, uħud sbieħ – bħaċ-Ċentinarji tal-1984 u l-2003, is-Sena Anniversarja tal-2014, l-Ingress ta' Isqof u Dekan ġdid fl-2006, il-Pussessi ta' Arċiprieti ġodda fl-1986, l-1997, l-2007 u l-2016 –, imma wkoll koroh – bħat-telfa ta' kważi nofs il-membri tiegħu f'temp ta' kwart ta' seklu.

Din hi lista tal-membri kollha – effettivi u onorarji – li kellha l-Kolleġġjata Ġorġjana tal-Belt Victoria mit-twaqqif tagħha sal-lum (wieħed u erbgħin, medja ta' wieħed kull sena!), fl-ordni tad-dati tal-ħatriet indikati (ċerti dati mhumiex preċiżi għax ma nstabitx riferenza eżatta) u d-dinjitajiet/uffiċċji, fejn japplika.

***L-Ewwel Kanonċi***

| | | Data | Dinjità / Uffiċċju |
|---|---|---|---|
| 1. | Nikol Ġużeppi Cauchi, Isqof † | 10 ta' Lulju 1976 | Dekan |
| 2. | Emanuel Mercieca † | 10 ta' Lulju 1976 | Arċipriet |
| 3. | Anton Grech Vella † | 10 ta' Lulju 1976 | Teżorier |
| 4. | Carmelo Sacco † | 10 ta' Lulju 1976 | Kantur |
| 5. | Carmelo Scicluna † | 10 ta' Lulju 1976 | Primiċerju |
| | | 11 ta' Luju 2001 | Kantur |
| | | 17 ta' Lulju 2009 | Teżorier |
| 6. | Ġużeppi Borg Bugeja † | 10 ta' Lulju 1976 | Effettiv |
| 7. | Franġisk Saver Calleja | 10 ta' Lulju 1976 | Penitenzier |
| | | 17 ta' Lulju 2009 | Primiċerju |
| 8. | Karm Grech | 10 ta' Lulju 1976 | Effettiv |
| | | 17 ta' Lulju 2009 | Kantur |
| 9. | Ġwann Scicluna † | 10 ta' Lulju 1976 | Effettiv |
| 10. | Ġwann Mercieca † | 10 ta' Lulju 1976 | Effettiv |
| | | 17 ta' Lulju 2009 | Penitenzier |
| 11. | Nikol Vella Apap † | 10 ta' Lulju 1976 | Effettiv (Kanċillier) |
| 12. | Ġużeppi Sacco † | 10 ta' Lulju 1976 | Effettiv |
| | | 17 ta' Lulju 2009 | Teologu |
| 13. | Ġwann Gauci | 10 ta' Lulju 1976 | Effettiv |
| 14. | Ġużeppi Gauci | 10 ta' Lulju 1976 | Teologu |
| 15. | Salv Borg † | 10 ta' Lulju 1976 | Effettiv |
| | | 1 ta' Ġunju 1986 | Arċipriet |
| 16. | Joe Mejlak † | 10 ta' Lulju 1976 | Effettiv |

***Oħrajn sal-lum***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 17. | Ġużeppi A. Borg | 13 ta' Luju 1977 | Onorarju |
| | | 10 ta' Lulju 1990 | Effettiv |
| 18. | Coronato Grima | 12 ta' Lulju 1982 | Onorarju |
| 19. | Dante Balboni † | 24 ta' Ottubru 1984 | Onorarju |
| 20. | Felix Tabone | 4 ta' Lulju 1988 | Effettiv |
| 21. | Anton Cefai † | 24 ta' April 1989 | Onorarju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 22. | George Bezzina † | 9 ta' Ġunju 1991 | Onorarju |
| | | 17 ta' Lulju 2009 | Kuġitur |
| 23. | Ġwann Dimech † | 17 ta' April 1997 | Onorarju |
| 24. | Giovanni Bosco Cremona | 8 ta' Lulju 1997 | Onorarju |
| 25. | George Grima † | 8 ta' Lulju 1997 | Onorarju |
| 26. | Karm Curmi | 8 ta' Lulju 1997 | Onorarju |
| 27. | Ġużeppi Farrugia | 15 ta' Frar 1998 | Arċipriet* |
| 28. | George DeBrincat | 9 ta' Mejju 1998 | Onorarju |
| | | Lulju 2001 | Effettiv |
| 29. | Francis M. Vella † | 9 ta' Mejju 1998 | Onorarju |
| | | Ottubru 2001 | Effettiv |
| 30. | Alfred Xuereb | 9 ta' Mejju 1998 | Onorarju |
| 31. | Serafin Borg OSA † | 25 ta' Frar 2001 | Onorarju |
| 32. | Joe Zammit | 24 ta' April 2005 | Onorarju |
| | | 16 ta' Lulju 2016 | Effettiv |
| 33. | Mario Grech, Isqof | 5 ta' Frar 2006 | Dekan |
| 34. | Tonio Galea | 3 ta' Diċembru 2006 | Onorarju |
| 35. | George J. Frendo | 8 ta' Lulju 2007 | Onorarju |
| | | 17 ta' Lulju 2009 | Effettiv |
| 36. | Giuseppe Liberto | 8 ta' Lulju 2007 | Onorarju |
| 37. | Claudio Marras | 8 ta' Lulju 2007 | Onorarju |
| 38. | Pawlu Cardona | 4 ta' Novembru 2007 | Arċipriet* |
| 39. | Lino Vella † | 18 ta' Novembru 2007 | Onorarju |
| 40. | Manwel Buttigieg | 17 ta' Lulju 2009 | Effettiv |
| 41. | Joseph Curmi | 11 ta' Diċembru 2016 | Arċipriet |

† Mejtin.
* Meta ntemmet l-Arċipretura, dawn baqgħu Kanonċi Onorarji.

**Riferenzi**

ARKIVJU TAL-KURJA VESKOVILI (GĦAWDEX), *Epistulæ Secretariæ* 1975/2 (44).
*B'tifkira tal-Pussess ta' l-ewwel Kanonċi tal-Kolleġġjata Bażilika Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri, Victoria, Għawdex, 10 ta' Lulju 1976*, Ktejjeb ta' tifkira, Għawdex 1976.
CASSAR George J., '10 ta' Lulju 1976. Jum il-Pussess ta' l-Ewwel Kanoniċi tal-Kolleġġjata tagħna', f'*Festi San Ġorġ 2001*, Nru 27, Programm tal-Festa, Malta 2001, 135-137.
*Code of Canon Law*, f'http://www.intratext.com/IXT/ENG0017/_P1R.HTM [aċċessat 07.10.2017].
*Il-Bażilika Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri. Ħidma-Storja-Tagħrif* 1976 [2]; 1977 [3].
*Lejla kulturali fl-okkażjoni tal-Pussess ta' l-ewwel Kanonċi tal-Kolleġġjata u Bażilika Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri, Victoria, Għawdex, 11 ta' Lulju 1976*, Programm ta' tifkira, Għawdex 1976.
PAWLU VI, Kostituzzjoni appostolika *Regimini Ecclesiæ universæ*, 15 ta' Awwissu 1967, f'http://w2.vatican.va/content/paul-vi/it/apost_constitutions/documents/hf_p-vi_apc_19670815_regimini-ecclesiae-universae.html [aċċessat 07.10.2017].

Ħajr lill-Arkivju tal-Bażilika ta' San Ġorġ, kif ukoll lil George Borg, Daniel Cilia, John Cremona, Ivan Galea, Mons. Coronato Grima u Frank Mizzi tar-ritratti li dehru ma' dan l-artiklu.

***Fil-qoxra:** L-amministrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof fi Pjazza San Ġorġ.*

## Nifirħu lil...

**Jonathon Sultana**, wieħed miż-żewġ sagristana tal-Bażilika, li fit-2 ta' Settembru 2017 ingħaqad fis-Sagrament taż-Żwieġ ma' Giovanna Attard mill-Parroċċa ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija.

**Samuel Aquilina** u **Ġorġ Pisani** li fid-9 ta' Ottubru bdew il-mixja tagħhom ta' dixxerniment fis-Sena Propadewtika fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Filwaqt li niftakru f'dawn iż-żgħażagħ fit-talb tagħna, nitolbu għal aktar vokazzjonijiet f'pajjiżna u mill-parroċċa tagħna.

**Josette Vassallo** li fl-1 ta' Novembru, Solennità tal-Qaddisin Kollha, ġiet ikkonsagrata fl-Ordni tal-Verġni mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, flimkien ma' Nancy Grech mill-Parroċċa tal-Katidral, fil-Katidral ta' Għawdex.

**Andrew u Maria Formosa**, għat-twelid ta' binthom Chiara, fis-16 ta' Novembru.



**Dr John Galea**, Direttur mużikali tal-Chorus Urbanus, li fit-23 ta' Novembru ġie mogħti d-Dottorat fil-Kompożizzjoni Mużikali mill-Università ta' Malta.

# Il-Qniepen tal-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex Ġrajja u Lingwa

## Tifkira tad-disgħin sena mill-wasla tal-qniepen ta' Barigozzi f'-1925

(Ir-Raba' Parti)

Noel Micallef



Torok. Imma ħadd ma jaf fejn hu dan il-bir.[68]

Hekk kif qegħdin insemmu d-daqq tal-qniepen f'xi ħbit jew assedju mill-għadu, ta' min isemmi wkoll l-użu partikolari li kellhom il-qniepen fit-Tieni Gwerra Dinjija. Fi żmien dan l-assedju ma kienx isir daqq ta' qniepen ħlief f'ċirkostanzi partikolari.

Għall-aħħar tas-sena 1939, f'Għawdex kienu bdew isiru provi tal-*Air Raid Warning Signal*, is-sinjal li ġej l-għadu billi jindaqqu l-qniepen tal-knejjes, filwaqt li l-*All Clear Signal* kien isir bis-sfafar tal-pulizija. Fl-1 ta' Ġunju 1940, is-sitwazzjoni f'Għawdex inbidlet u s-sinjal ta' ħbit mill-għadu beda jsir bl-isparar tal-murtali u t-tmiem tal-ħbit mill-arju beda jkun bid-daqq tal-qniepen tal-knejjes.[69] Fil-fatt, il-Fonza (ir-raba' qanpiena) kienet il-qanpiena li kienet tħabbar li l-attakk mill-ajru kien spiċċa.[70]

Barra minn hekk, f'Jannar 1942, tħabbar li f'każ ta' invażjoni s-sinjal kellu jkun bid-daqq tal-qniepen tal-knejjes. Imma billi f'Għawdex kienu diġà jindaqqu għall-*All Clear Signal*, kien se jkun hemm konfużjoni. B'hekk fit-3 ta' Frar 1942, fil-Gazzetta tal-Gvern tħabbar li f'każ ta' invażjoni f'Għawdex, is-sinjal kellu jkun bid-daqq tal-qanpiena l-kbira biss ta' kull knisja.[71]

Il-qniepen baqgħu ma jindaqqux b'mod normali sa nofs is-sena 1943. Fil-fatt, skont ċirkulari maħruġa mill-Kurja fil-25 ta' Mejju 1943, ingħata permess biex kuljum mid-29 ta' Mejju, il-qniepen tal-knejjes setgħu jerġgħu jibdew idoqqu fit-8.00am, f'12.00pm u fis-7.15pm. It-tokki ma kellhomx idumu aktar minn tliet minuti u mhux iżjed minn għaxra kull darba.[72]

F'ċirkulari oħra tal-Isqof ta' Għawdex datata 19 ta' Mejju 1943, iffirmata mill-Kanċillier il-Kan. M'Anġ Xerri u l-Isqof Mikiel Gonzi, tħabbar li l-Ħadd 23 ta' Mejju fil-Knisja Katidrali, fil-parroċċi, fil-kolleġġjati u l-knejjes tar-reliġjużi jitkanta *Te Deum* imsieħeb mad-daqq tal-qniepen. Dan kien sar wara li kmieni dak ix-xahar kienet saret l-aħħar rebħa fl-Afrika ta' Fuq.[73]

Aktar tard fl-istess sena, proprju fit-18 ta' Awwissu, skont ċirkulari l-qniepen tal-knejjes setgħu jerġgħu jibdew idoqqu bħal qabel. Dan għax il-periklu tal-gwerra kien għadda.[74]

Imma fl-imgħoddi, il-qniepen ma daqqewx biss biex iħabbru li wasal l-għadu jew li l-attakk mill-ajru spiċċa,

**Il-funzjoni tal-qniepen fil-ħajja soċjali**

Fl-imgħoddi, nies għonja ftit li xejn kont issib. Il-ftit sinjuri kienu magħrufin ma' Għawdex kollu u dawk ta' skola kont tgħoddhom fuq is-swaba' ta' id waħda. Il-kotra l-kbira tan-nies kienet bla skola u b'hekk l-ebda tagħlim ma dawwal lil moħħhom. Ix-xjuħ tagħna kienu jżommu l-ħin max-xemx ta' filgħodu, ta' nofsinhar u ta' filgħaxija, u ma' nżul ix-xemx. Oħrajn kienu jżommu l-ħin mad-daqq tal-qniepen, tal-Pater Noster, tal-Angelus, tal-Ħdax, ta' Nofsinhar, l-Ave Marija u ma' tal-imwiet. Dan juri li x-xemx u l-qniepen swew għal missirijietna bħala arloġġ li la jtektek u lanqas jieħu ħabel.

Il-qniepen kienu wkoll jintużaw bħala mezz ta' twissija meta kien jaħbat l-għadu fuq il-Gżejjer Maltin. Din kienet tissejjaħ in-nafra,[67] sabiex iħabbru li qorbu l-kursari. Min-naħa l-oħra, kull darba li l-ħallelin tal-baħar jaħbtu għall-gżejjer, kienu jisirqu l-qniepen għall-bronż tal-kanuni jekk kemm-il darba dawn l-oġġetti ma kinux jinħbew. Fir-rakkont storiku ta' Ġann Piet Franġisk Agius De Soldanis, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, insibu:

> Fil-ħâra taż-Żebbuġ hemm Knisja tal-Lunzjata. Kienet wisq miqjuma min-nies li kienu jżuruha ta' sikwit. Il-festa tagħha kienet issir fil-15 ta' Awwissu. Il-qanpiena li kellha, li kienet magħmula fis-sena 1515 b'sinjal ta' salib, faħħruha wisq l-Isqfijiet. Il-kalċi li kellha tas-sena 1547 u ħwejjeġ oħra li kellha mal-qanpiena li semmejna nħbew f'bir ma' ġenbha biex ma jiġux misruqin mit-

iżda wkoll f'okkażjonijiet ta' ferħ. F'xi parroċċi f'Malta kienu jindaqqu l-qniepen meta jitwieled wild f'dak ir-raħal. Kienu jgħidulhom idoqqu l-lawdi. Jingħad ukoll li fi żmien il-maltempati kienu jindaqqu l-qniepen.[75] Ma nafux jekk dawn kinux jindaqqu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Drawwa antika li għadha ħajja sal-lum hija dik tat-tokki tal-ħdax ta' filgħodu li jindaqqu mill-kampnar tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Ħafna jlissnu: "Tal-borom wasal", biex ifissru li kien wasal il-ħin tal-ikel. Tal-ħwienet mad-daqq tal-ħdax kienu jagħlqu, għax fl-imgħoddi kienu jiftħu ferm aktar kmieni mil-lum u l-bdiewa kienu jerħulha għal darhom għall-fatra. Dawn it-tokki kemxejn mgħaġġlin jindaqqu bil-qanpiena ż-żgħira hekk kif toħroġ il-quddiesa tal-ħdax. X'aktarx it-tokki tal-ħdax diġà kienu jindaqqu sa mis-sena 1836.[76]

Mad-daqq tat-tokki tal-ħdax ta' filgħodu l-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani għaraf isawwar waħda mil-leġġendi tiegħu li kienet ġiet ippubblikata fuq *Il-Gżejjer* u fil-ktieb tiegħu *Għawdex joħlom bil-Leġġendi*. Fil-qosor din il-leġġenda tgħid hekk.

Kien hemm żewġ bdiewa, wieħed anzjan u l-ieħor żagħżugħ, li kienu dejjem jiġġieldu u jwaħħlu f'xulxin għall-vandaliżmu li kienu jsibu fl-għelieqi tagħhom. Darba fost l-oħrajn iż-żagħżugħ iddeċieda li joqtol lill-anzjan, imma ma sabux għax dan tal-aħħar kellu qadja r-Rabat. Imma xorta waħda ried isibu, u mar ifittxu. L-anzjan, kif kien ir-Rabat, sema' t-tokki tal-ħdax u ħaseb li kienet ħierġa quddiesa u dlonk mar fil-Knisja ta' San Ġorġ jistenna l-quddiesa. Sadanittant, kif kien mimli bil-mibegħda, iż-żagħżugħ lemaħ wieħed li kien jixbah lill-anzjan u fis-saħna tah daqqa ta' sikkina u qatlu. L-anzjan dam jistenna fil-knisja u xħin induna li ma kienx hemm quddiesa, telaq għal għonq it-triq lura lejn raħlu. Kien hawn li nduna li t-tokki tal-ħdax kienu salvawlu ħajtu.

**Il-lingwa tal-qniepen fil-funzjonijiet liturġiċi**

Darba Alla qal lil Mosè: "Agħmel żewġ trombi tal-fidda, tagħmilhom tal-metall battut, bihom issejjaħ il-ġemgħa... Meta ddoqqhom it-tnejn, tinġema' quddiemek il-ġemgħa kollha ħdejn il-bieb tat-Tinda tal-Laqgħa" (Num 10:1-3). Illum, il-knejjes tagħna jsejħu lill-ġemgħa Nisranija permezz tal-qniepen. Il-qniepen tal-bronż bdew jintużaw fil-knejjes Insara sa mill-bidu tas-seklu ħamsa meta San Pawlinu, Isqof ta' Nola, daħħalhom bħala mezz biex isejjaħ lill-patrijiet ħalli jinġabru għat-talb.[77]

Wieħed għandu jifhem kif il-Mulej isejjaħ anki permezz tad-daqq ħlejju tal-qanpiena. Filgħodu kmieni, għall-5.00am, jindaqq il-*Pater Noster* sabiex l-Insara jgħidu l-Missierna fil-bidu ta' jum ġdid u jirringrazzjaw lil Alla għal-lejl ta' mistrieħ li jkun għadda.

Fit-8.00am u f'12.00pm jindaqqu t-tokki tal-*Angelus* sabiex insellmu lill-Madonna bit-talba tal-Angelus jew ir-Regina Cœli. Ta' min isemmi li dawn it-tokki huma drawwa antika li daħlet Malta bħala tislima lill-Madonna bis-saħħa tal-Ġiżwiti fis-sena 1663, ħdax-il sena biss wara li kienu bdew il-ħidma tagħhom f'Malta.[78]

Min-naħa l-oħra, filgħaxija jindaqqu t-tokki tal-*Ave Maria*, sabiex insellmu lill-Madonna bit-talba tal-Angelus. It-tokki ta' filgħaxija jvarjaw xħin jindaqqu. Dawn jimxu ma' nżul ix-xemx u aktar ma titwal il-ġurnata, it-tokki tal-*Ave Maria* jdumu biex jindaqqu. Fil-fatt, mill-1 ta' Jannar it-tokki jindaqqu fil-5.15pm, u kull ħmistax jiżdiedu bi kwarta sakemm għal nofs Lulju t-tokki jindaqqu għall-ħabta tat-8.30pm (ħin tas-sajf). Wara din id-data l-ħin jerġa' jibda jonqos bi kwarta kull ħmistax, sakemm mill-aħħar ta' Novembru sa Diċembru l-*Ave Maria* tkun qed tindaqq fil-5.00pm.

Siegħa wara l-*Ave Maria* jindaqqu t-tokki tal-Imwiet. Dawn jistednuna biex nitolbu għall-erwieħ tal-Purgatorju bit-talba tal-Missierna. F'xi parroċċi dawn it-tokki jindaqqu mgħaġġlin u jgħidu li jfissru n-*Novissmi*, jiġifieri l-eżistenza tal-mewt, il-ġudizzju, l-infern u l-ġenna.

Fil-bijografija tiegħu, l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca jirrakkonta li missieru, Saverio, li kellu d-dverna fi Triq San Ġorġ, kellu drawwa li fil-ħin tal-*Ave Maria* jgħid it-talba tal-Madonna ma' kull min kien jinzerta fil-ħanut. L-irġiel kienu jieqfu ħesrem mid-diskors tagħhom u jingħaqdu miegħu f'ġabra sħiħa. Nhar ta' Ħamis filgħaxija Saverio Mercieca kien ukoll iħeġġeġ lin-nies biex jgħidu wkoll flimkien it-talba tal-Missierna għal ħames darbiet.[79]

Interessanti wkoll il-fatt li kull nhar ta' Ħamis mat-tokki tal-Imwiet tindaqq mota li tfakkar it-twaqqif tal-Ewkaristija nhar Ħamis ix-Xirka, waqt li kull nhar ta' Ġimgħa fit-3.00pm tindaqq mota mewt bħala tifkira tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Kien f'Ottubru 1781 fl-Isla li kien ġie deċiż li kull nhar ta' Ħamis filgħaxija, sagħtejn wara nżul ix-xemx, tindaqq mota festiva bil-qniepen biex tfakkar it-twaqqif tal-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena, u l-Ġimgħa fit-3.00pm tindaqq mota mewt biex tfakkar il-mewt ta' Kristu. L-Isqof Labini fl-1793 kien daħħal dawn id-devozzjonijiet bid-daqq tal-qniepen u talb fil-parroċċi kollha tad-djoċesi.[80]

Barra dawn it-tokki li semmejna, ta' kuljum kwarta qabel il-ħin tal-quddiesa jindaqqu tokki sabiex l-Insara jkunu mistiedna jieħdu sehem fil-quddiesa. Il-qanpiena li biha jindaqqu dawn it-tokki tinbidel skont il-grad tal-festa li nkunu qegħdin niċċelebraw. Fost il-ġimgħa fil-granet ferjali, it-tokki jindaqqu bit-tieni qanpiena, filwaqt li l-Ħadd jindaqqu bit-tielet qanpiena. Fil-Festa ta' San Ġorġ, it-tokki jindaqqu bil-raba' qanpiena, u meta jkun Pontifikal tal-Isqof l-istedina għall-quddiesa ssir bit-tokki tal-qanpiena l-kbira.

**L-agunija u l-moti mewt**

Meta xi ħadd ikun qiegħed imut, tindaqq l-*Agunija*, tokki li jindaqqu kull siegħa bit-tieni qanpiena għas-sekulari. Din tindaqq ħalli niftakru fl-agonizzanti u nitolbu lil Alla sabiex jagħtihom mewta tajba. Xħin il-persuna tħalli din l-art u tingħaqad mal-Ħallieq, jindaqqu tliet tokki bl-istess qanpiena. L-agunija ta' qassis tindaqq bit-tielet qanpiena jew bil-kbira skont il-ħtieġa. B'hekk il-poplu jkun jaf li l-agunija hija ta' saċerdot.

Meta jkun se jsir funeral fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, qabel il-mota ta' filgħodu (li tindaqq għall-ħabta tad-9.00am) jindaqq it-trapassar u jiddistingwi jekk il-funeral ikunx ta' mara jew ta' raġel. Jekk il-funeral ikun ta' mara jindaqqu erba' tokki għal erba' darbiet, filwaqt li jekk ikun raġel jindaqqu ħames tokki għal ħames darbiet. F'każ li l-funeral ikun ta' saċerdot, it-trapassar jindaqq b'seba' tokki għal seba' darbiet. F'każ li l-funeral ma jkunx se jsir fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, tindaqq mota mewt biss, mingħajr it-trapassar. Qabel il-quddiesa funebri jindaqqu tokki mgħaġġlin bil-qanpiena ż-żgħira sabiex is-saċerdoti jinġabru għat-talb u għall-quddiesa. Dawn it-tokki jissejħu l-assoċjament.

Inżidu wkoll li meta jsir funeral ta' tarbija, ma tindaqqx mota mewt, imma tindaqq il-mota tal-anġli jew il-frejħa: mota mgħaġġla bl-ewwel żewġ qniepen.



Il-wasla tal-qniepen tal-Parroċċa ta' Santa Margerita, f'Ta Sannat, fil-port tal-Imġarr, c 1932 [sors: kollezzjoni privata]

Fl-Għid tal-Imwiet, nhar it-2 ta' Novembru, jindaqqu moti mewt bil-kbir. Dawn il-moti jibdew mill-1 ta' Novembru filgħaxija fil-ħemda tal-lejl, fejn il-qniepen jindaqqu b'leħen kiebi biex ixandru t-tifkira tal-mejtin kollha.

**Il-moti tal-festa**

Fil-festi prinċipali tal-Knisja, il-qniepen jindaqqu b'mota festiva bil-kbir. Dawn il-moti jibdew mill-vġili tas-solennità, jiġifieri minn nofsinhar ta' lejlet is-solennità. Matul is-sena, hemm diversi solennitajiet li fihom jindaqqu moti bil-kbir, bħall-Għid il-Kbir, il-Kwaranturi, id-Dedikazzjoni tal-Knisja, il-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, l-Epifanija, it-Trinità Qaddisa, Korpus, il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, San Ġużepp, San Pawl, it-Trasfigurazzjoni u Kristu Re. F'anniversarji oħra tal-parroċċa, bħall-anniversarju tal-Bażilika u t-twaqqif tal-Kolleġġjata, jindaqqu wkoll moti bil-kbir.

Barra dan, fil-Festa titulari ta' San Ġorġ, kemm dik liturġika u kemm f'dik ta' Lulju, il-qniepen Ġorġjani jdoqqu għalenija bi tħabbira li l-Parroċċa qiegħda tiċċelebra l-festa tal-Patrun tal-Belt u l-Gżira Għawdxija. Matul il-jiem tat-tridu jindaqqu moti b'erba' qniepen (mingħajr il-kbira), filwaqt li minn lejlet is-solennità, il-kbira tinstema' tidwi b'ton festiv. Il-moti kollha jindaqqu b'rifsa, jiġifieri jdumu biex jibdew. Ta' min jgħid li ta' kull sena l-Għaqda tal-Qniepen Ġorġjani tħejji programm dettaljat ta' xħin u kif għandhom jindaqqu l-qniepen. Matul il-jiem tat-tridu jindaqq it-tnaqqir għall-prietka tat-tridu u f'jum is-solennità waqt il-Pontifikal jindaqq it-tnaqqir tal-paniġierku. Xħin il-predikatur jibda l-prietka, jindaqqu żewġ tokki b'sinjal li l-predikatur beda l-prietka.

Mota partikolari li tindaqq biss fil-Festa ta' Lulju hija dik li tissejjaħ il-maqluba. Din il-mota tibda mill-kbira għaż-żgħira u terġa' tispiċċa bil-qanpiena l-kbira. Din il-mota tindaqq waqt il-ħruġ min-niċċa tal-istatwa ta' San Ġorġ, lejlet is-solennità filgħaxija, u l-Ħadd waqt il-ħruġ tal-purċissjoni wara li jindaqq l-Innu Immortali *A San Giorgio Martire*, u tibda mal-Glorja tal-innu.

Fis-solennitajiet il-kbar, waqt il-*Magnificant* tal-Għasar u fil-quddiesa fejn jitkanta t-*Te Deum* tindaqq ukoll mota bil-kbir.

**Il-festi tal-altari, tal-Appostli u festi sekondarji**

Għall-festa ta' qaddis meqjum f'xi altar tal-knisja parrokkjali jindaqqu moti bit-tieni, it-tielet u r-raba' qanpiena. Il-festi tal-altari huma: Santa Katerina (25 ta' Novembru), San Mikiel (29 ta' Settembru), Ġesù u Marija (2 ta' Frar u 12 ta' Settembru), l-Eżaltazzjoni tas-Salib (14 ta' Settembru), San Lazzru (17 ta' Diċembru), Santa Marta (29 ta' Lulju), id-Duluri ta' Marija Santissma (15 ta' Settembru), il-festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima (13 ta' Ottubru), u l-festa parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes (11 ta' Frar).

Bl-istess mod jindaqqu l-festi sekondarji tar-Rabat (San Franġisk, Santu Wistin u l-Madonna tal-Grazzja).

Fl-ewwel ġimgħa u fl-ewwel Sibt tax-xahar, jindaqqu wkoll moti bit-tliet qniepen, filwaqt li kull siegħa jindaqq it-tnaqqir bħala stedina lill-Insara biex jinġabru fil-knisja jitolbu quddiem Ġesù espost fl-Ewkaristija.

**Daqq fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa**

Waqt li l-poplu jkun qiegħed jedha fl-aħħar ġurnata tal-Karnival, il-Knisja permezz tal-qanpiena ddoqq tokki b'sinjal li l-għada, l-Erbgħa tar-Rmied (Ras ir-Randan), hija ġurnata ta' sawm.

Fit-Tridu Paskwali, il-qniepen ilissnu leħinhom nhar Ħamis ix-Xirka, bl-aħħar mota tindaqq waqt il-Glorja fil-funzjoni tal-Aħħar Ċena. Wara din il-mota, il-qniepen jibqgħu siekta sal-funzjoni tal-Vġili tal-Għid, fejn fil-Lejl

Qaddis, waqt it-tħabbira tal-Qawmien, il-qniepen iħabbru b'mod solenni l-ikbar festa tal-Knisja Kattolika.

### Moti oħrajn

Fl-imgħoddi kien isir il-Vjatku solenni. Kwarta qabel ma joħroġ il-vjatku kien jindaqq it-tnaqqir bit-tielet qanpiena bi tliet tokki għal disa' darbiet, imbagħad tliet tokki bir-raba' qanpiena. Wara kienet tindaqq mota li tibqa' sejra sakemm jerġa' jidħol il-vjatku lura fil-knisja.

### Is-sinifikat tat-tokki tal-qanpiena l-kbira fil-Pussess tal-Arċipriet

Fir-Rit tal-Pussess, l-Arċipriet il-ġdid akkumpanjat mill-Isqof jagħmlu purċissjoni għal diversi mkejjen fil-knisja. Qabel il-quddiesa l-Arċipriet iħabbat fuq il-bieb prinċipali tal-knisja sakemm dan jinfetaħ. Fl-Att Penitenzjali jinżel maġenb il-bieb il-kbir tal-knisja, fejn ibierek lill-ġemgħa bl-ilma tal-fonti. Aktar tard iħabbar il-Vanġelu minn fuq l-ambone. Wara l-omelija, imur bilqiegħda fuq is-sedja taċ-ċelebrant; wara, jagħmel żjara qasira lit-tabernaklu fil-Kappella tas-Sagrament; jidħol f'wieħed mill-konfessjonarji u jilbes l-istola vjola; u fl-aħħar jinżel fil-korsija u jiġbed tliet tokki tal-qanpiena l-kbira. Dawn huwa kollha riti li tissuġġerixxi l-Liturġija għas-sens sħiħ tal-bidu tal-ministeru pastorali tal-Arċipriet fil-komunità tiegħu.

Iċ-ċerimonjal tal-bidu tal-ħidma pastorali tal-Arċipriet jagħlaq billi jdoqqu l-qanpiena. Il-qanpiena tfisser stedina, sejħa biex niftakru f'Alla. Hija sejħa biex inħallu l-impenji tagħna u mmorru l-knisja biex niltaqgħu ma' Alla fiċ-ċelebrazzjonijiet qaddisa.[81]

### Għeluq

Permezz ta' dan it-tagħrif ejja nisimgħu u nifhmu l-qniepen u nagħmlu sforz biex nieqfu ftit u naħsbu f'dak li qegħdin jgħidulna Alla u l-Knisja. Jalla d-daqq tal-qniepen ikun mezz li wieħed jersaq aktar lejn id-dar ta' Alla, għax il-qniepen jibqgħu l-leħen ta' Alla li jistedinna biex nersqu lejh.

Jalla wkoll kull min idoqq il-qniepen jifhem is-sens tad-daqq u jagħmel dan bi ħġaru. Ejjew ma nkunux aħna stess li naqtgħu dawn id-drawwiet sbieħ, imma ngħadduhom kif uritnihom aħna mingħand missirijietna.

Għalkemm dan l-artiklu miktub f'għeluq id-disgħin sena mill-wasla tal-qniepen, żgur li fadal xi dettalji u dokumenti oħra li għadhom qatt ma raw xaqq ta' dawl, li għadhom iridu jinstabu sabiex l-istorja tal-qniepen ewlenin tal-Bażilika Ġorġjana tkun kompluta. Il-ħin u ż-żmien kontra tagħna, imma l-istorja għad titkompla.

Riferenzi


[67] John Bezzina, 'Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex, 1925-1985', fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1985*, 1985, 47-59.

[68] Ġann Piet Franġisk Agius De Soldanis, *Għawdex bil-Ġrajja tiegħu*, traduzzjoni għall-Malti minn Mons. Ġużepp Farrugia Gioioso, Malta 1999, 71.

[69] Charles Bezzina, *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943*, Għawdex 2000.

[70] John Bezzina, 'Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex 1759-1788', fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1990*, 1990, 11-19.

[71] Charles Bezzina, *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943.*

[72] Ibid.

[73] Frank Bezzina, *F'Għawdex fi żmien il-Gwerra*, Għawdex 1981.

[74] Charles Bezzina, *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943.*

[75] Guido Lanfranco, *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin*, Malta 2001.

[76] Nikol Vella Apap, 'It-Tokki tal-Ħdax ta' fil-għodu mill-Kampnar tal-Bażilika tagħna', f'*Il-Belt Victoria* 113 (Marzu-April 2000), 6.

[77] Jimmy Xerri, 'Il-Lingwa tal-Qniepen', f'*Luminarja* 120 (Ġunju 2015), 56.

[78] Ġużè Cassar Pullicino, 'Il-Ġiżwiti f'Malta fis-Seklu XVII', f'*Lil Ħbiebna* (Mejju 1983), 56.

[79] Charles Buttigieg, *Ilkoll Aħwa fi Kristu – Ġuzeppi Mercieca – Memorji*, Malta 2014.

[80] Lanfranco, *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin.*

[81] Injazju Borg, 'Imkejjen u sinjali fir-rit tal-Pussess tal-Arċipriet', f'*Il-Belt Victoria* 159 (Novembru-Diċembru 2007), 6-7.


Nixtieq nirringrazzja lil dawn il-persuni li għenuni niġbor l-informazzjoni għal dan l-artiklu: Charles Bezzina, Patri Gwardjan Joe Buttigieg OFMCAP, Daniel Cilia, John Cremona, Anthony Farrugia, Toni Farrugia, Neville Galea, Museo Ditta F.lli Barigozzi ta' Milan, George Francis Vella.

L-ebda ritratt jew informazzjoni li huma ppubblikati f'din is-sensiela ta' artikli ma jistgħu jiġi riprodotti mingħajr il-permess bil-miktub tal-awtur.

## Insellmu lil...

**Mons. George Grima**, membru tal-Kolleġġjata Ġorġjana u fundatur tal-Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu, li miet fil-25 ta' Settembru 2017, fl-għomor ta' 66 sena.

**Winston L. Zammit**, eks għalliem u riċerkatur tal-istorja minn Tas-Sliema, li miet fit-18 ta' Novembru, fl-għomor ta' 67 sena. Winston kien kontributur regolari f'din ir-rivista u bl-artikli storiċi tiegħu kien strumentali biex tkompli tinkiteb l-istorja tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.



**Francis X. Borg** MOM, li miet fil-21 ta' Novembru, fl-għomor ta' 91 sena. Kikku, kif kulħadd kien isibu, kien il-fundatur tal-FXB Group of Companies, u ddisinja, ħadem u ta lill-Bażilika ta' San Ġorġ is-sett ta' siġġijiet sbieħ u komdi tal-injam tal-ballut li jimlew kemm il-korsija u n-navi tagħha. Dawn tqiegħdu kollha bejn is-snin 2000 u 2002.



**Nenu Grech**, membru tal-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss, li miet fit-22 ta' Novembru, fl-għomor ta' 76 sena. Nenu 'ta' Majsi', kif kien imlaqqam, kien karattru ferrieħi u ġenwin li kapaċi jnissel tbissima fuq wiċċ kulħadd fis-Sagristija ta' San Ġorġ, fejn kien maħbub u spiss kont issibu jagħti daqqa t'id sew f'xi qadja jew bl-għajnuna fil-quddies. Barra s-sehem tiegħu f'ħafna ċelebrazzjonijiet liturġiċi, kien membru attiv tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, fejn kien jimmarċja bl-istendard u anki jakkumpanja l-katuba.

**Mons. Carmelo Scicluna**, Teżorier tal-Kolleġġjata Ġorġjana u benefattur kbir tal-Parroċċa tagħna, li miet fl-10 ta' Diċembru, fl-għomor ta' 90 sena.

# Fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria (1955-1960)

## (L-Ewwel Parti)

Winston L. Zammit



Dan huwa wieħed mill-aħħar artikli li bagħtilna l-mibki Winston L. Zammit, li kien kontributur regolari ta' din ir-rivista. Winston ħalliena nhar it-18 ta' Novembru 2017, fl-għomor ta' 67 sena. Għalkemm kien minn Tas-Sliema, l-interess ta' Winston fl-istorja tal-Parroċċa ta' San Ġorġ kien wieħed tista' tgħidlu appassjonat, u l-kitbiet riċerkati tiegħu f'din ir-rivista kienu prijorità għalih u ta' interess għal ħafna qarrejja. Min jaf kemm drabi kien iċempel biex jara fiex waslet ir-rivista, jew kif miexja l-ħajja tal-parroċċa, inkella biex jikseb ħjiel tal-ħbieb Ġorġjani tiegħu li hu kien jgħożż b'dik l-attenzjoni delikata tipika tal-karattru sensibbli tiegħu. Minn hawn insellmu l-memorja għażiża tiegħu u nirringrazzjawh ta' tant riċerka storika dwar il-parroċċa tagħna li hu qasam magħna, waqt li nirrikkmandaw lil ruħu fi ħdan Ommna Marija Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u taħt il-mant setgħani tal-Patrun tagħna San Ġorġ.



L-Arċipriet Cefai f'Ruma.

Matul is-snin 1955-1960, il-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria kompliet titmexxa minn Mons. Mikiel Cefai, li kien ukoll Arċipriet tal-Katidral. Matul dan il-perjodu seħħew żewġ ġrajjiet importanti fl-istorja ta' din il-parroċċa.

B'digriet tal-Isqof Ġużeppi Pace nhar l-1 ta' Awwissu 1955, il-Parroċċa ta' San Ġorġ ġiet mifruda mill-Arċipretura tal-Katidral,[1] unjoni li kienet ilha fis-seħħ sa mit-28 ta' April 1688.[2] Minkejja din il-firda, Mons. Mikiel Cefai baqa' l-mexxej taż-żewġ parroċċi tar-Rabat sal-1976.

It-tieni avveniment importanti seħħ fis-6 ta' Settembru 1958, meta bid-Digriet *Merito dilaudatur templum*, il-Papa Piju XII (1939-1958) għolla l-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ għad-dinjità ta' Bażilika Minuri.[3] Kien il-Ħadd 5 ta' Ottubru 1958 li l-Arċipriet Cefai ta l-aħbar tal-għotja tal-Bażilika lill-komunità parrokkjali. Din tħabbret bil-ħruq ta' kaxxa infernali u mota bil-kbir.[4]



Il-Banda La Stella tiċċelebra l-festi.

L-għotja tat-titlu ta' Bażilika tfakkret b'żewġ avvenimenti. Nhar is-Sibt 10 ta' Jannar 1959 sar kunċert vokali u strumentali mill-Banda La Stella fl-Oratorju Don Bosco, li kien ippresedut mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace. F'din l-okkażjoni sar diskors mill-President tal-Banda, il-Prokuratur Legali Ġużeppi Cefai. L-għada l-Ħadd 11 ta' Jannar saret funzjoni fil-Bażilika. Il-Kanċillier tal-Kurja Mons. Guglielmo Grima JCD qara l-Brevi Pontifiċju tal-għotja tad-dinjità tal-Bażilika, u wara saru żewġ diskorsi, wieħed minn Mons. Arċipriet Cefai u l-ieħor mill-Isqof Pace. Wara, tkanta *Te Deum* u ngħatat il-Barka Sagramentali. Filgħaxija l-Banda La Stella tellgħet programm fit-Tokk.[5]

### Viċi-Parroċi

Matul is-snin 1955-1960, bħala Viċi-Parroċi – imsejħa wkoll "Vigarji Koperaturi", insibu lil Dun Ġwann Frendo, Dun Karm Grech, Dun Franġisk Scicluna, Dun Karm Scicluna u Dun Ġużepp Borg. Fl-istess żmien, Mons. Emanuel Mercieca, li iktar tard laħaq Arċipriet, kien iservi ta' *Vicarius Substitutus* fl-assenza tal-Arċipriet.[6]

Fost is-saċerdoti li ħadmu fil-parroċċa matul is-snin 1955-1960 insibu lil Dun Salv Tabone, li kien jgħallem il-Morali fis-Seminarju, li fl-1958 ġie maħtur Kamrier Sigriet



Dun Ġużepp Sacco jbewwes idejh.

tal-Papa bit-titlu ta' Monsinjur;[7] il-Prokuratur tal-Knisja Dun Anton Grech Vella u Dun Anton Grech Scicluna, li fl-1959 ġew maħtura rispettivament Kappillani fl-Isptar Santa Tereża u l-Lazzaret; u s-saċerdot żagħżugħ Dun Ġużepp Mercieca SThD, JUD, li fl-1959 inħatar Viċi-Rettur tas-Seminarju.[8]

Matul il-perjodu 1955-1960, il-parroċċa kellha dawn is-saċerdoti ġodda:

- Dun Franġisk Vella, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu l-Ħadd 17 ta' April 1955,[9] u f'din l-okkażjoni pprietkalu Patri Ġużepp Meilak SJ.[10]
- Dun Salv Scicluna, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu nhar il-Ħadd 24 ta' April 1955,[11] u f'din l-okkażjoni pprietkalu Patri Tarċisju Xerri OFM.[12]
- Dun Ġużepp Farrugia, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fl-1955.[13]
- Dun Ġwann Scicluna, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fid-29 ta' April 1956. F'din l-okkażjoni l-prietka saret minn Patri Akkursju Xerri OFM.[14]
- Dun Karm Grech, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu l-Ħadd 6 ta' Mejju 1956. F'din l-okkażjoni pprietka Mons. Arċipriet Mikiel Cefai, u l-mużika kienet taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġuzepp Debrincat.[15]
- Dun Mikiel Borg, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu l-Ħadd 29 ta' Lulju 1956.[16] F'din l-okkażjoni pprietkalu Patri Alan Fenech OP [17]
- Dun Ġwann Mercieca, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fis-17 ta' Frar 1957. F'din l-okkażjoni pprietkalu ħuh Dun Ġużepp Mercieca.[18]
- Dun Ġorġ Brincat, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fit-12 ta' Mejju 1957. F'din l-okkażjoni pprietkalu Mons. Arċipriet Cefai.[19]
- Dun Ġużepp Borg, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fl-14 ta' Lulju 1957. F'din l-okkażjoni pprietkalu Mons. Emanuel Mercieca.[20]
- Dun Nikol Vella Apap, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-11 ta' Mejju 1960. F'din l-okkażjoni pprietkalu Mons. Emanuel Mercieca.[21]
- Dun Ġużepp Sacco, li ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fis-26 ta' Mejju 1960. F'din l-okkażjoni pprietkalu Mons. Arċipriet Mikiel Cefai.[22]

Għas-servizz tal-Bażilika kien hemm ukoll numru ta' abbatini li fl-1958 kellhom bħala Direttur lil Dun Ġwann Scicluna.[23]



Xogħlijiet fil-knisja fis-snin ħamsin.

**Opri fil-knisja**

Matul is-snin 1955-1960 tkompla x-xogħol tal-pittura minn Gian Battista Conti; tkompla x-xogħol tal-irħam; inbidlet waħda mill-qniepen; u wara l-għotja tal-Bażilika fl-1958, ġie żarmat l-altar maġġur, tkabbar il-presbiterju u sar l-altar mejda li hemm illum.

Bejn l-1955 u l-1960, Conti kompla x-xogħol tal-pittura. Fl-1956 tpittret l-Arzella tal-Erwieħ, u fl-1958 tlestiet l-Arzella tal-Orgni.[24]

Tkompla wkoll ix-xogħol tal-irħam. Fil-fatt, minn gazzetta lokali ta' Marzu 1955 nafu li "għall-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ wasal ukoll l-irħam biex ikompli jkabbar il-ġmiel ta' din il-knisja popolari tal-Belt Victoria".[25] Fix-xahar ta' Settembru tal-istess sena tlesta l-friż *mosaico d'oro*, li tħallas minn Mons. Ġorġ Agius, u fl-istess xahar inbeda x-xogħol tat-tqegħid tal-irħam fin-navi u fil-kappelluni.[26] Ix-xogħol tal-irħam tlesta f'Mejju 1958.[27]

Il-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kellha sett sabiħ ta' ħames qniepen. Iżda billi t-tielet waħda, bl-isem ta' "Fonza", kellha xi ħsara, f'April 1956 tniżżlet mill-kampnar.[28] Fl-istess sena saret oħra ġdida minflokha li waslet Għawdex f'Awwissu 1956. Din ittellgħet fil-kampnar wara li ġiet imbierka minn Mons. Arċipriet Cefai.[29]

**L-Altar Mejda**

Wara li l-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika Minuri, ittieħdu l-passi biex


Ir-rit tad-Dedikazzjoni tal-Altar Mejda.

jitkabbar il-presbiterju, ġie żarmat l-altar maġġur l-antik, u minfloku tqiegħed l-altar mejda li hemm illum.

L-altar il-ġdid ġie ddisinjat u mmudellat mill-Prof. Carlo Pisi u nħadem fl-irħam abjad ta' Carrara, għand id-Ditta *Aldo & Gualtiero Rebechi* ta' Pietrasanta.

Fl-14 ta' Diċembru 1960, beda l-proċess li bih inqala' l-altar maġġur il-qadim, tħaffru pedamenti ġodda għall-istruttura tat-tribuna u l-altar il-ġdid, tqiegħdu l-bażijiet tagħha u t-turġien tal-altar. Tkabbar ukoll bi tliet piedi l-presbiterju ta' madwar l-altar. L-altar il-ġdid wasal Malta minn Genova fit-23 ta' Novembru 1960, u kien tqiegħed f'postu sad-19 ta' Diċembru 1960.[30]

Iċ-ċerimonja tad-Dedikazzjoni tal-altar mejda saret minn Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, fil-21 ta' Diċembru 1960. Fil-jum ta' qabel, l-istatwa ta' San Ġorġ ġiet maħruġa min-niċċa fost l-isparar tal-musketterija. Fl-Ave Marija tal-istess jum, il-qniepen tal-istess knisja ħabbru l-festa tal-jum tal-għada. Mons. Isqof mexxa ċ-ċerimonja tad-Dedikazzjoni tal-altar prinċipali tal-Bażilika. Il-Bażilika kienet mimlija bin-nies u l-mużika kienet tas-Surmast Ġanni Vella.[31]

### Il-Festa Titulari ta' San Ġorġ

Il-Festa Titulari ta' San Ġorġ fit-tielet Ħadd ta' Lulju baqgħet tiġi ċċelebrata b'solennità kbira, bis-sehem tal-Isqof Djoċesan u l-Kapitlu tal-Katidral fil-funzjonijiet prinċipali, inkluża l-purċissjoni.[32]

Qabel il-Festa baqgħu jsiru bħas-snin ta' qabel il-Ħamisijiet bi tħejjija.[33] Wara, imbagħad, sar bħas-soltu t-Tridu, li tiegħu għandna l-ismijiet ta' xi predikaturi:

1955 Patri Bonaventura Camilleri OFMCONV;
1957 Patri Martinjanu Cutajar OESA;[34]
1959 Patri Fidiel Vella OFMCAP;[35]
1960 Dun Franġisk Scicluna.[36]

Nhar il-Festa filgħodu saret bħas-soltu l-Quddiesa Pontifikali li fiha ntiseġ il-paniġierku, li tiegħu għandna wkoll l-ismijiet ta' wħud mill-predikaturi:

1955 Mons. Emanuel Mercieca;[37]
1957 Mons. Lorenzo Spiteri DD, BL(CAN);[38]
1959 Patri Bonaventura Fiorini OFMCONV;[39]
1960 Patri Grazio Magro SJ.[40]

Dwar il-Pontifikal tal-Festa tas-sena 1958, insibu li ħa sehem il-Kor tal-Cappella Sistina,[41] u fil-Purċissjoni Pontifikali tal-Festa tal-1959 insibu li ħarġu għall-ewwel darba l-insinji tal-Bażilika: it-Tintinnablu u l-Umbrellun.[42]

Fil-festi ta' barra kellha ta' kull sena s-sehem tagħha l-Banda La Stella u baned oħra. Hekk insibu li fil-festi tal-1955, minn barra l-Banda La Stella, ħadu sehem il-Baned King's Own, Imperial (tal-Mellieħa), San Gejtanu (tal-Ħamrun), u Victory (tax-Xagħra).[43] Insibu wkoll li fil-festi tal-1957, minbarra t-Tiġrijiet taż-Żwiemel, saru wkoll dawk tar-Roti.[44]

*jissokta fil-ħarġa li jmiss...*


Iż-żanżin tal-Umbrellun tal-Bażilika fl-1959.

**Riferenzi**


[1] *Il-Berqa*, 29 ta' Diċembru 1955, p. 7.
[2] ACHILLE FERRIS, *Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo*, 1866, p. 553.
[3] JOHN BEZZINA, *Siltiet mill-Ġrajjiet tal-Bażilika ta' San Ġorġ 1500-1964*, p. 22.
[4] *Il-Berqa*, 9 ta' Ottubru 1958, p. 7.
[5] *Leħen il-Belt Vittorja*, Frar 1959, p. 4.
[6] Tagħrif meħud mir-Reġistri tal-Magħmudija tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Vol. 16 u 17.
[7] *Il-Berqa*, 10 ta' Lulju 1958, p. 7. Dun Salv Tabone kellu wkoll dawn il-karigi: Eżaminatur tal-Kleru u Eżaminatur Pro-Sinodali.
[8] *Leħen il-Belt Vittorja*, Frar 1959, p. 1.
[9] *Il-Berqa*, 21 ta' April 1955, p. 7.
[10] Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
[11] *Il-Berqa*, 29 ta' Diċembru 1955, p. 7.
[12] Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
[13] Ibid.
[14] Ibid.
[15] *Il-Berqa*, 10 ta' Mejju 1956, p. 7.
[16] Ibid., 2 ta' Awwissu 1956, p. 7.
[17] Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
[18] *Leħen is-Sewwa*, 23 ta' Novembru 1957. Dun Ġwann Mercieca kien student fil-Kulleġġ Capranica f'Ruma, fejn ġie ordnat saċerdot.
[19] Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
[20] Ibid.
[21] Ibid.
[22] Ibid.
[23] *Il-Berqa*, 23 ta' Awwissu 1958, p. 3.
[24] BEZZINA, *Siltiet mill-ġrajjiet tal-Bażilika ta' San Ġorġ 1500-1964*, pp. 21-22.
[25] *Il-Berqa*, 24 ta' Marzu 1955, p. 7.
[26] Ibid., 29 ta' Diċembru 1955, p. 7.
[27] BEZZINA, *Siltiet mill-ġrajjiet tal-Bażilika ta' San Ġorġ 1500-1964*, p. 22.
[28] *Il-Berqa*, 19 ta' April 1956, p. 7.
[29] Ibid., 6 ta' Settembru 1956, p. 7.
[30] FRANCESCO PIO ATTARD (Ed.), *Nidħol ħdejn l-altar ta' Alla. Ħamsin sena mid-Dedikazzjoni tal-Altar Maġġur tal-Bażilika ta' San Ġorġ 1960-2010*, Malta 2010, pp. 61-62.
[31] *Il-Berqa*, 29 ta' Diċembru 1960, p. 7.
[32] Ibid., 21 ta' Lulju 1955, p. 7; *Leħen il-Belt Vittorja*, Diċembru 1957, p. 4; Diċembru 1959, p. 5; Awwissu 1960, p. 2.
[33] *Il-Berqa*, 28 ta' Mejju 1959. Fl-1959, l-ewwel Ħamis ħabat fil-21 ta' Mejju. Dakinhar saru wkoll l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof.
[34] Ibid., 21 ta' Lulju 1955, p. 7; *Leħen il-Belt Vittorja*, Diċembru 1957, p. 4.
[35] *Leħen il-Belt Vittorja*, Awwissu 1959, p. 3.
[36] Ibid., Awwissu 1960, p. 2.
[37] *Il-Berqa*, 21 ta' Lulju 1955, p. 7.
[38] *Leħen il-Belt Vittorja*, Diċembru 1957, p. 4.
[39] Ibid., Awwissu 1959, p. 2.
[40] Ibid., Awwissu 1960, p. 2.
[41] Ibid., Awwissu 1958, pp. 2-3.
[42] Ibid., Diċembru 1959.
[43] *Il-Berqa*, 21 ta' Lulju 1955, p. 7; *Leħen il-Belt Vittorja*, Diċembru 1957, p. 4; Awwissu 1959, p. 3.
[44] *Leħen il-Belt Vittorja*, Diċembru 1957, p. 4.


Ritratti: Arkivju Bażilika San Ġorġ, Feliċ Attard (†), Paul M. Cassar, John Cremona, Francis Sacco.

OBITWARJU

# Mons. George Grima (1950-2017)

Kif ħabbarna meta konna sejrin għall-istampa tal-aħħar ħarġa, fil-25 ta' Settembru 2017 ħalliena bla mistenni Mons. George Grima, is-saċerdot missjunarju Ġorġjan li ħajtu ma kinitx ħlief xmara ta' ġid. Imma b'niket, f'din il-ħarġa, għal obitwarju wieħed qed inġibu tnejn, għax minn dakinhar ħalliena wkoll membru ieħor tal-kleru tagħna, kif tistgħu taraw fil-paġni li ġejjin. Dwar il-ħidma ta' Dun George, nittamaw li jkollna l-okkażjoni nġibu iżjed f'ħarġiet oħra.

Dun George Grima twieled il-Belt Victoria, Għawdex, fit-3 ta' Diċembru 1950, minn Ġużeppi Grima u Emanuela Said, it-tieni minn għaxar ulied, fosthom Mons. Coronato. Ġie mgħammed l-għada fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Irċieva l-Griżma tal-Isqof fit-13 ta Ġunju 1957.

Għamel l-istudji tiegħu fl-Iskola Primarja tar-Rabat u dawk sekondarji fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù.

Wara l-formazzjoni tiegħu fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Ġunju 1977, minn Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, fl-Katidral tal-Assunta. Fid-9 ta' Lulju ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-Parroċċa tiegħu ta' San Ġorġ.



Mal-Grupp tal-Vokazzjonijiet tar-Rabat fis-snin sebgħin. Min-naħa tax-xellug: George Mizzi, (Mons.) Alfred Xuereb, (il-Kan.) Joe Zammit, (Mons.) George Grima, Nicholas Galea, Michael Grech, u (l-Kan.) George J. Frendo. [ħajr Frank Pavia]

Ftit xhur wara l-ordinazzjoni, fil-21 ta' Settembru 1977, Dun George telaq lejn il-missjoni fil-Brażil. L-ewwel tliet snin għaddiehom Viċarju Parrokkjali fil-Parroċċa ta' Santu Rokku f'Tamarana, fid-Djoċesi ta' Londrina. Fl-1980 ġie maħtur Rettur tal-Katidral ta' San Ġużepp fil-belt ta' Itabuna, fid-Djoċesi tal-Bahia. Fl-1981 sar Kappillan fil-Parroċċa tal-Madonna tar-Rużarju fil-belt ta' Alfredo Vasconcelos, fid-Djoċesi ta' Mariana, fl-istat ta' Minas Gerais. Waqt li kien kappillan hemm, ħadem u waqqaf il-Parroċċa ġdida tal-Ispirtu s-Santu li tagħha nħatar l-ewwel Kappillan, fejn bena djar għall-iltiema minn familji foqra u pprovdielhom ikel, edukazzjoni u mediċina.



Ħuh Dun Koronat qed ilibbsu l-pjaneta nhar l-Ordinazzjoni Presbiterali fil-Katidral, 18 ta' Ġunju 1977.



F'waħda mil-laqgħat tiegħu ma' Madre Teresa ta' Calcutta, illum qaddisa.

Bl-imħabba kbira lejn il-missjoni tbaqbaq fil-qalb tiegħu, fit-3 ta' Diċembru 1987, Dun George waqqaf il-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu* biex jgħin lit-tfal foqra fil-missjoni. Diffiċli tgħodd il-ġid kollu li sar fl-artijiet tal-missjoni, speċjalment fil-kontinenti tal-Afrika u l-Amerika ta' Isfel, grazzi għall-ħidma tal-Moviment u l-għajnuna li sab minn eluf ta' benefatturi Maltin u Għawdxin. Illum il-Moviment bid-djar u l-istituti tiegħu qed jgħin eluf ta' tfal u morda bl-Aids fil-Brażil, l-Etjopja u l-Kenja, bi friegħi wkoll fl-Istati Uniti, l-Italja u Ġibiltà. Fil-fatt, il-Moviment fetaħ 33 dar fil-Brażil, 133 fl-Etjopja u 34 fil-Kenja. Barra l-bosta proġetti ta' fejda fl-artijiet tal-missjoni li salvaw mill-mewt eluf ta' familji, il-Moviment inkuraġġixxa wkoll bosta żgħażagħ minn pajjiżna jagħmlu esperjenzi ta' volontarjat f'dawn il-pajjiżi qalb l-ifqar fost il-foqra. Dun George kien strumentali wkoll biex twaqqfet f'Malta l-*Kilimanjaro Challenge*.

Fl-1990 Dun George ġie Malta jieħu ħsieb saħħtu u fl-istess ħin intalab ikun *Religious Counselor* fl-Iskejjel tal-Gvern. Kien ukoll f'dak iż-żmien li hu segwa b'tant imħabba l-Grupp tal-Abbatini u l-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ bħala Direttur tagħhom. Imma minn dakinhar 'l hawn ma naqasx iżur regolarment il-missjonijiet fejn beda proġetti ġodda u kompla jżur dawk mibdija fis-snin ta' qabel.

Fil-25 ta' Jannar 1993, Mons. Luciano M. De Almeida, Arċisqof tad-Djoċesi ta' Mariana, ħatru Monsinjur Onorarju tal-Katidral tal-Madonna tal-Karmnu. Fit-8 ta' Lulju 1997 inħatar ukoll Kanonku Onorarju tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Fl-2012, huwa ngħata Ġieħ il-Belt Victoria mill-Kunsill Lokali ta' belt twelidu.

Flimkien mal-impenn kbir missjunarju, li spiss kien jieħdu 'l bogħod minn xtutna, Dun George kien joffri s-servizz tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ u, f'dawn l-aħħar sentejn, meta ż-żmien kien jippermettilu, kien joffri s-servizz ta' tqarbin u quddies nhar ta' Ħadd fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Wara kumplikazzjoni f'saħħtu, Mons. George Grima għadda għal ħajja aħjar nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2017, fis-7.00am, fl-Isptar *Mater Dei*. Kien għadu kemm għalaq erbgħin sena saċerdot.

Il-funeral sar nhar il-Ħamis 28 ta' Settembru, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria. Hu midfun fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, ix-Xewkija.

OBITWARJU

# Mons. Carmelo Scicluna (1927-2017)

Nhar il-Ħadd 10 ta' Diċembru 2017, għall-ħabta tat-3.00pm, wara ġranet rikoverat fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, ħalla din l-art Monsinjur Carmelo Scicluna, Teżorier tal-Kolleġġjata Ġorġjana, u wieħed mill-aktar saċerdoti anzjani tad-Djoċesi ta' Għawdex; kellu disgħin sena. Hu kien it-tielet saċerdot mill-Parroċċa tagħna li għadda għall-ħajja ta' dejjem fis-sena 2017.

Fostna kien magħruf bħala Dun Karm *il-Father*, u tabilħaqq... bil-karattru ġwejjed, umli u prudenti tiegħu, imma fl-istess waqt b'għerf, qdusija u disponibbiltà mill-akbar għal Kristu u għall-Knisja, eżerċita b'mod tassew eżemplari l-ministeru saċerdotali ta' missier għal ħafna.

Twieled fit-23 ta' Novembru 1927, il-Belt Victoria, minn Salvu u Ġużeppa mwielda Grech, u ġie mgħammed *ad conditionem* dakinhar stess minn idejn l-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, bl-ismijiet ta' Carmelo, Anton, Giovanni u Ġorġ. Hu rċieva l-Griżma tal-Isqof fil-5 ta' Ġunju 1934.

Fi tfulitu studja fil-Liċew u mbagħad fis-Seminarju ta' Għawdex. Fl-1940 beda jattendi regolarment fl-ewwel Qasam tal-Museum maskili li nfetaħ f'beltna, u fl-1946 ġie inkorporat fis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija mal-ewwel grupp ta' soċji Għawdxin.

Wara dan, daħal is-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex fejn beda l-istudji tiegħu għas-saċerdozju. F'Settembru 1950 ħa s-suddjakonat fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, waqt li fit-23 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena rċieva l-ordinazzjoni djakonali minn idejn l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace fil-Kappella tas-Seminarju. Hu ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Mejju 1951, minn idejn l-Isqof Pace, fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, flimkien ma' erba' ordinandi oħra, fosthom Dun Ġużepp Borg Bugeja mill-istess parroċċa tagħna. Dun Karm iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fit-3 ta' Ġunju 1951, fejn kien għamillu l-prietka tal-okkażjoni l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai.

Dritt wara l-ordinazzjoni tiegħu, Dun Karm għamel ħidma ta' Prefett u Surmast fis-Seminarju tal-Isqof bejn l-1951 u l-1952. Imbagħad ħalla Malta biex kompla bl-istudji superjuri tiegħu f'Ruma, fejn bejn l-1952 u l-1956 hu kiseb Dottorat fit-Teoloġija Dommatika u Baċellerat fid-Dritt Kanoniku mill-Università Pontifiċja Gregorjana, u studja wkoll fl-Iskola Vatikana tal-Bibljotekonomija mnejn kiseb Diplomi fl-Arkivistika u fil-Bibljotekonomija. Dun Karm kien wieħed mill-ftit saċerdoti ta' dak iż-żmien li laħqu gradi akkademiċi hekk għolja barra mid-Djoċesi tagħna.





L-Ewwel Quddiesa tiegħu, fit-3 ta' Ġunju 1951.

Lura Għawdex, Dun Karm ta bosta servizzi pastorali. Hu kien direttur spiritwali fl-iskejjel tal-Gvern bejn l-1957 u l-1985; għalliem tat-Teoloġija Axxetika fis-Seminarju Maġġuri bejn l-1968 u l-1976; membru tal-Kummissjoni Kateketika Djoċesana bejn l-1969 u l-1976; membru tal-Ġunta Djoċesana bejn l-1962 u l-1969; kif ukoll Assistent Direttur Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla mill-1959, u Direttur Djoċesan tagħha mill-1975 u l-1994.

Imma forsi l-aktar ħidma dedikata li Dun Karm baqa' jwettaq sal-aħħar kienet dik ta' konfessur regolari f'diversi postijiet, fost l-oħrajn fil-Bażilika Ġorġjana fejn puntwalment u b'assidwità eżemplari kien jamministra s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni mill-konfessjonarju tiegħu. Bejn l-1957 u l-1973 hu kien konfessur regolari fis-Seminarju Maġġuri, waqt li mill-1961 sal-1967 serva bħala konfessur fid-djar tas-sorijiet Karmelitani fir-Rabat u f'Ta' Kerċem, kif ukoll fid-djar tas-sorijiet Salesjani fir-Rabat u fl-Għasri.

Tul is-saċerdozju tiegħu, Dun Karm ħadem qrib sew tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, bil-Casa Madre tagħhom fi Triq Palma, ftit passi biss 'il bogħod mid-dar tal-familja tiegħu. Bejn l-1967 u l-1982 kien direttur spiritwali tas-Sodalità *Figlie di Maria*, waqt li mill-1970 kien konfessur tas-Sorijiet u mill-1974 Kappillan tagħhom, ministeru li baqa' jaqdi b'lealtà sa ftit qabel mewtu.

Dun Karm okkupa wkoll karigi importanti fi ħdan il-Kapitlu Ġorġjan sa mit-twaqqif tiegħu fl-1975. Fil-25 ta'



Maġenb l-opra l-ġdida tat-Tabernaklu tal-Fidda tal-Kappella tas-Santissmu Sagrament, imħalisa minnu.



Mal-Kapitlu Ġorġjan waqt it-Translazzjoni tal-Festa ta' San Ġorġ fl-2005.

Frar 1976 il-Papa Pawlu VI ħatru Kappillan tal-Qdusija Tiegħu, u f'Lulju sar l-ewwel Primiċerju – il-ħames l-ogħla dinjità – fil-Kapitlu Urban. Imbagħad fil-11 ta' Lulju 2001 ġie promoss għad-dinjità ta' Kantur. F'Lulju 2009, wara l-mewt ta' Mons. Anton Grech Vella, hu ngħata d-dinjità ta' Teżorier, kif baqa' sa mewtu.

Mons. Scicluna hu wieħed mill-aktar benefatturi għeżież li kellha l-Bażilika Ġorġjana, u ħafna opri sbieħ li hi mogħnija bihom saru bil-ġenerożità tiegħu, anki jekk ftit kienu jafu b'dan, għax hu kien bniedem ta' ftit kliem li ma kienx iħobb jiftaħar jew juri. Fost dawn l-opri hemm il-Proġett Parrokkjali għat-Tielet Millennju (iċ-Ċentru u d-Dar Parrokkjali), u t-tabernaklu tal-fidda fil-Kappella Neo-Biżantina tas-Santissmu Sagrament inawgurat fl-2007. Kien ukoll benefattur ta' bosta opri oħra fil-Knisja lokali u ta appoġġ finanzjarju kbir lill-istampa tad-Djoċesi, l-ewwel u qabel kollox lir-Rivista *Il-Ħajja f'Għawdex*.

Il-Funeral tiegħu nżamm fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017, u tmexxa mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, wara l-korteo mill-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fejn ġie ċċelebrat l-Għasar tal-Mejtin. Fl-omelija tiegħu, l-Isqof Mario qal: "It-tjubija, il-ħlewwa, is-serenità li [Dun Karm] kellu ma kinux doti naturali biss, imma wkoll atteġġjamenti li huwa mmatura fih frott l-għaqda li kellu ma' Ġesù... Ma nistax ngħid li quddiemi għandi saċerdot li ma kellux fuqu żejt ifuħ! Dan jistgħu jikkonfermawh dawk li kienu jersqu għandu għad-direzzjoni spiritwali jew għall-qrar.

Dun Karm qatt ma mar il-missjoni, imma huwa ħeġġeġ u akkumpanja spiritwalment familja missjunarja: is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Xi xahrejn ilu kitibli nota fejn qalli li wara sitta u sittin sena bħala Kappillan tas-Sorijiet, xtaqni neħilsu minn dan id-dmir. Għal dawn is-snin kollha huwa wettaq dan l-uffiċċju immankabbilment u qatt ma smajt kelma li ttebba' l-ministeru".

Kien hemm min irrimarka b'sogħba li fil-Funeral ta' Dun Karm fil-Bażilika tagħna kien hemm ħafna siġġijiet vojta – għax in-nies faċli tinsa l-ġid kbir li jkun għamel saċerdot imdaħħal sew fiż-żmien bħalma kien hu! Imma nistgħu nibqgħu żguri li l-bankijiet tas-Sema kienu mimlija b'mijiet minn fost ħutna li matul dawn is-snin kienu penitenti tiegħu u issa qed jinterċedu għal ruħu quddiem il-Missier.

Nirringrazzjaw lil Alla għad-don li bih żejjen lill-Parroċċa u l-Knisja tagħna fil-persuna ta' Mons. Carmelo Scicluna, speċjalment bl-eżempju sieket tiegħu u l-imħabba vera lejn il-Poplu ta' Alla f'Għawdex u f'San Ġorġ.

*Ħajr lill-Familja Scicluna u JJP Zammit tar-ritratti.*

*Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*



Is-saċerdoti miġbura madwar it-tebut tiegħu fil-Funeral.

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Settembru — Diċembru 2017



*Andrew Formosa*

andrew@ilbeltvictoria.org

**» 6 ta' Settembru**
**06.00pm:** L-eks Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia ċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr fid-disgħa u ħamsin anniversarju mill-għoti tat-titlu ta' Bażilika lill-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.
**» 7 ta' Settembru**
Il-Parroċċa organizzat ħarġa għall-anzjani f'Malta.
**» 9 ta' Settembru**
Don Ángel Fernández Artime SDB, Rettur Maġġur tal-Kongregazzjoni Salesjana u l-għaxar suċċessur ta' Don Bosco, f'waqfa ċkejkna tiegħu f'Għawdex, għamel żjara lill-Bażilika, fejn ġie milqugħ minn Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali. Fost l-oħrajn, hu kien akkumpanjat minn Dun Charles Cini SDB, li wkoll hu mill-parroċċa tagħna.
**» 11 ta' Settembru**
**08.00pm:** Inżamm barbikju għall-Grupp 23four Adolexxenti 16+ f'Marsalforn.
**» 21 ta' Settembru**
**09.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa Pontifikal Solenni fil-262 anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ.
**» 22-23 ta' Settembru**
Il-Grupp 23four Adolexxenti 16+ organizza *live-in* fl-Aħrax tal-Mellieħa.
**» 25 ta' Settembru**
Tħabbret il-mewt ta' Mons. George Grima, membru tal-Kapitlu Ġorġjan u fundatur tal-Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu, fl-età ta' sitta u sittin sena.
**» 27 ta' Settembru**
**06.00pm:** Patri Martin Cilia MSSP mexxa Seminar parrokkjali fiċ-Ċentru Parrokkjali għall-katekisti u l-operaturi pastorali, bit-tema *Tirċievi biex tagħti.*
**» 28 ta' Settembru**
**04.00pm:** Il-ġisem mejjet ta' Mons. George Grima tqiegħed fil-Knisja ta' San Ġakbu biex isir talba mill-ġemgħa Nisranija.
**04.30pm:** L-Arċipriet Mons. Joseph Curmi mexxa t-talba tal-Għasar mill-Kapitlu u l-kleru fil-Knisja ta' San Ġakbu, u wara telaq korteo funebri lejn il-Bażilika.
**05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-Funeral *præsente cadavere*.
**» 30 ta' Settembru – 1 ta' Ottubru**
Il-Grupp 23four organizza *Bake Sale* fi Pjazza San Ġorġ bi ġbir ta' fondi għall-minibus tal-paroċċa. Inġabret is-somma ta' €1,380.
**» 7 ta' Ottubru**
Ġiet organizzata ħarġa madwar Għawdex għall-anzjani.
**» 9 ta' Ottubru**
Żewġ adolexxenti tal-parroċċa, Samuel Aquilina u Ġorġ Pisani, bdew l-esperjenza tas-Sena Propedewtika fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Fil-Quddiesa tal-Komunità tal-Ħadd 8 filgħaxija, l-Arċipriet għamel talba ta' barka fuqhom u rrakkomanda lill-komunità parrokkjali biex titlob għalihom.
**» 10 ta' Ottubru**
**08.15pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp 23four Adolexxenti 16+. Il-laqgħat għal din il-kategorija komplew isiru kull nhar ta' Tlieta fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 11-13 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Dun Simon M. Cachia mexxa t-tlitt ijiem ta' Tridu bi tħejjija għall-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima.
**» 11 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp 23four Adolexxenti Form 3-5. Il-laqgħat għal dawn l-etajiet komplew isiru kull nhar ta' Erbgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 12 ta' Ottubru**
**05.30pm:** Fis-Sala Parrokkjali, l-Arċipriet mexxa l-ewwel laqgħa għall-ġenituri u t-tfal li matul is-sena pastorali l-ġdida ħa jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, fejn ġew ippreżentati l-katekisti u l-klassijiet għal din is-sena. Fost il-katekisti ġodda din is-sena daħal jgħin Fra Etienne Gilson OFMCONV, li qed iħejji t-tfal tal-Preċett.
**» 13 ta' Ottubru**
**07.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp 23four Adolexxenti Form 2. Il-laqgħat ta' din l-eta komplew isiru kull nhar ta' Ġimgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**07.30pm:** Fil-Kunvent ta' Santu Wistin, bdiet il-mixja parrokkjali ġdida ta' formazzjoni fuq il-Kelma ta' Alla (il-Vanġelu ta' San Mark) indirizzata għal kulħadd, u mmexxija minn Patri Peter Paul Cachia OSA. Dawn il-laqgħat bdew isiru kull ħmistax, nhar ta' Ġimgħa filgħaxija.
**08.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp 23four Żgħażagħ. Il-laqgħat komplew isiru kull ġimgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 14 ta' Ottubru**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-quddiesa tal-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima, fejn ta l-mandat lill-katekisti u l-operaturi pastorali tal-parroċċa. Wara, saret purċissjoni qasira *aux flambeaux* bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. Fi tmiem il-purċissjoni, fi Pjazza San Ġorġ sar it-tberik tal-minibus il-ġdida tal-parroċċa.



**» 20 ta' Ottubru**
**07.00pm:** L-E.T. Mons. Markos Gebremedhin CM, Vigarju Appostoliku ta' Jimma-Bonga fl-Etjopja, mexxa quddiesa għal ruħ Mons. George Grima fl-Bażilika. Għal diversi snin huma kienu jaħdmu fil-qrib għall-ġid tal-foqra f'dan il-pajjiż.
**» 25 ta' Ottubru**
**04.00pm:** Bħala waħda mill-inizjattivi tal-parroċċa fl-okkażjoni tal-mitt sena mid-Dehriet ta' Fatima, l-Arċipriet mexxa quddiesa għall-anzjani residenti ta' Villa San Lawrenz.
**» 27 ta' Ottubru**
**07.30pm:** L-Eks Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, Delegat tal-Isqof għall-Ordo Virginum, mexxa Velja ta' talb fil-Bażilika bi tħejjija għar-Rit tal-Konsagrazzjoni fl-Ordni tal-Verġni ta' Josette Vassallo mill-Parroċċa ta' San Ġorġ u Nancy Grech mill-Parroċċa tal-Katidral.
**» 1 ta' Novembru**
**06.30pm:** Fis-Solennità tal-Qaddisin Kollha, Mons. Isqof mexxa

quddiesa fil-Katidral li fiha Josette Vassallo ġiet ikkonsagrata fl-Ordni tal-Verġni tal-Djoċesi.

**» 7 ta' Novembru**

Il-Parroċċa organizzat ħarġa għall-anzjani f'Malta.

**» 9 ta' Novembru**

**05.30pm:** Il-psikologa Dr Marlene Cauchi mexxiet laqgħa għall-ġenituri bit-tema "Il-Korrezzjoni", fis-Sala Parrokkjali. Fl-istess ħin, it-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Grizma tal-Isqof kellhom ħarġiet għalihom. Dawn tal-aħħar ġew akkumpanjati mill-katekisti fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina, in-Nadur, fejn l-artista Mary Portelli spjegatilhom it-tifsira tax-xogħol tal-muzajk li ħadmet għal dan iċ-ċimiterju ġdid.

**6.00pm:** Mons. Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Katidral tal-Lateran.

**» 12 ta' Novembru**

**12.30pm:** Inżamm *Sunday Lunch* b'risq il-Parroċċa, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 21 ta' Novembru**

**05.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali għas-sena pastorali l-ġdida.

**» 29 ta' Novembru**

Fl-ikla ta' nofsinhar għas-saċerdoti tal-parroċċa fid-Dar Parrokkjali, inizjattiva li bdiet minn din is-sena pastorali, il-kleru ċċelebra flimkien ma' Mons. Carmelo Scicluna f'għeluq id-disgħin sena tiegħu.

**» 1 ta' Diċembru**

**07.20pm:** Dun Joseph Mercieca mexxa l-Lectio Divina, li baqgħet issir wara l-aħħar quddiesa fil-Ġimgħat tal-Avvent.

**» 2-3 ta' Diċembru**

Il-Grupp 23four organizza *Christmas Loading* fi Pjazza San Ġorġ, attività għall-bidu tal-Avvent bi ġbir ta' fondi b'risq il-ħidma pastorali. Inġabret is-somma ta' €2,650. Is-Sibt filgħaxija, fil-11.00pm, saret quddiesa tal-ftuħ tal-Avvent għad-dawl tax-xemgħa fil-Bażilika. Fl-aħħar tagħha l-Arċipriet xegħel is-Siġra tal-Karità fuq l-Altar ta' San Mikiel, fejn il-parruċċani matul l-Avvent setgħu jagħżlu x'oġġetti joffru b'għajnuna lil djar tal-karità f'Malta u Għawdex.



**» 3 ta' Diċembru**

**7.00pm:** Fil-Quddiesa tal-Komunità mmexxija mill-Arċipriet, hu ppreżenta formalment il-katekumenu Relf Mirce, żagħżugħ Albaniż li qed jagħmel il-mixja lejn il-Magħmudija fil-parroċċa tagħna.

**8.00pm:** Il-Kor *Piccole Stelle* żamm kunċert tal-Milied fil-Bażilika, taħt id-direzzjoni ta' Sylvana Cini.

**» 4-5 ta' Diċembru**

Tqiegħdu f'posthom il-pannelli fotovoltajċi fuq il-bejt taċ-Ċentru Parrokkjali, bħala parti mill-proġett li l-istallazzjoni tiegħu bdiet ġimgħat qabel bl-għan li s-sistema tibda topera fl-aħħar tal-2017.

**» 7 ta' Diċembru**

**05.30pm:** L-Arċipriet mexxa katekeżi għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, fil-Vġili tas-Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni.

**» 10 ta' Diċembru**

Tħabbret il-mewt ta' Mons. Carmelo Scicluna, Teżorier tal-Kolleġġjata Ġorġjana, fl-età ta' disgħin sena.

**» 12 ta' Diċembru**

**2.30pm:** Il-ġisem mejjet ta' Mons. Carmelo Scicluna tqiegħed fil-Knisja tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq Palma, fejn kien għal bosta snin Kappillan tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.

**3.30pm:** Fl-istess knisja, l-Arċipriet mexxa t-talba tal-Għasar mill-Kapitlu u l-kleru, u wara sar korteo funebri lejn il-Bażilika.

**4.00pm:** Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-Funeral *præsente cadavere*.

**» 13 ta' Diċembru**

**09.00am:** Saret attività għall-koppji miżżewġa bit-tema *Tini brejk mill-paniku tal-Milied* fid-Dar Stella Maris, iż-Żebbuġ.

**» 14 ta' Diċembru**

**05.30pm:** Il-grupp tal-kandidati tal-Griżma tal-Isqof marru mal-katekisti tagħhom jaraw il-Presepju ta Frank Mizzi fil-Fontana.

**» 15-23 Diċembru**

**06.00pm:** Inżammet in-Novena tal-Milied bit-tema *Rigali mill-Bibbja*, li tmexxiet mill-Arċipriet. Din kienet tinkludi fl-aħħar il-kant tal-Alma u l-Barka Ewkaristika, kif ukoll dramm nhar it-22 ta' Diċembru.

**» 17 ta' Diċembru**

**07 00pm:** Il-Kor *Schola Cantorum Jubilate*, taħt id-direzzjoni ta' Marouska Attard, anima l-Quddiesa tal-Komunità mmexxija minn Dun Richard N. Farrugia.

**08.00pm:** Il-Chorus Urbanus żamm edizzjoni oħra tal-Kunċert tal-Milied, bit-tema *A Christmas Carols Bonanza*, taħt id-direzzjoni ta' Dr John Galea.

**» 19 ta' Diċembru**

**08.30pm:** Saret l-Ikla tal-Milied għall-Grupp 23four.

**» 20 ta' Diċembru**

**08.00pm:** Il-Leġjun ta' Marija flimkien mal-Kor *Laudate Pueri* organizza *Carol Service* fil-Bażilika, li fih ħadet sehem ukoll il-komunità Ingliża f'Għawdex.

**» 23 ta' Diċembru**

**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar quddiesa tan-Novena li kienet tinkludi l-Vestizzjoni ta' erba' abbatini ġodda: Joseph Cauchi, Luca Galea, Keith u Kurt Vella. Wara n-Novena, sar festin għat-tfal kollha fis-Sala Parrokkjali.

**» 24 ta' Diċembru**

**04.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Ewwel Għasar tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.

**11.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Lejlt tal-Milied, li bdiet bl-Uffiċċju tal-Qari u l-Prietka tradizzjonali tat-Tfajel minn Jerome Attard, abbati tal-Bażilika. Wara, kompliet il-Konċelebrazzjoni Solenni ta' Nofsillejl. Wara li ntemmet iċ-ċelebrazzjoni fil-Bażilika, inżamm festin fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 25 ta' Diċembru**

**11.00am:** Mons. Isqof mexxa Pontifikal, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.

**» 26 ta' Diċembru**

Il-Grupp 23four organizza l-ħarġa tiegħu għall-adolexxenti tal-Forms 3 sa 5, li sabu l-ħin jgħaddu l-għotjiet miġbura mill-komunità parrokkjali fl-Avvent lis-Sorijiet Ursolini f'Tas-Sliema.

Il-Parroċċa organizzat ħarġa Malta billejl.

**» 27-28 ta' Diċembru**

Sar *live-in* f'Malta għall-Grupp 23four Adolexxenti 16+, li kien jinkludi fost l-oħrajn it-tqassim tal-oġġetti ta' karità li nġabru fi żmien l-Avvent lid-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi.

**» 27 ta' Diċembru**

**06.00pm:** Mons. Isqof mexxa Pontifikal fis-Solennità Lateranensi ta' San Ġwann Appostlu u Evanġelista.

**» 28 ta' Diċembru**

Inżammet ġurnata Malta għall-Grupp 23four Adolexxenti Form 2, fejn tqassmu l-oġġetti miġbura fil-parroċċa fi żmien l-Avvent lid-Dar ta' San Ġużepp f'Santa Venera, immexxija mis-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

**07.30pm:** Inżamm ir-Riċiviment Annwali tal-Milied għall-kollaboraturi u benefatturi tal-Parroċċa, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 30 ta' Diċembru**

Saret ħarġa għall-abbatini tal-parroċċa f'Malta.

**» 31 ta' Diċembru**

**05.00pm:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal tal-Aħħar tas-Sena, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li ntemm bil-kant tat-Te Deum b'radd il-ħajr fi tmiem is-sena.

**08.00pm:** L-Arċipriet mexxa adorazzjoni fil-Bażilika f'għeluq is-sena 2017.



Il-komunità parrokkjali matul iż-żmien tal-Avvent setgħet tgħix l-opri tal-ħniena billi ġġib taħt is-Siġra tal-Karità mixgħula fuq l-Altar ta' San Mikiel oġġetti meħtieġa minn ist tuzzjonijiet ta' karità f'Malta u Għawdex: il-Caritas Djoċesana, Dar Arka, il-Creche tal-Ursolini, id-Dar tal-Providenza, u Dar San Ġużepp (MSSP). L-għotjiet twasslu fid-destinazzjonijiet tagħhom mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna stess waqt il-ħarġiet tagħhom tal-Mil ed.



Minn din is-sena, l-Arċipriet ħa l-inizjattiva ħelwa li nhar ta' Sibt f'nofsinhar joffri ikla lis-saċerdoti tal-parroċċa fid-Dar Parrokkjali. Dan qed ikun mument sabiħ ta' fraternità bejniethom.



Fra Etienne Gilson OFMCONV, akkumpanjat mill-katekisti tagħna, qed imexxi l-laqgħat ta' katekeżi għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina, kull nhar ta' Ħamis, fiċ-Ċentru Parrokkjali, fejn qed jiġu megħjuna jifhmu aktar il-Quddiesa u t-tagħlim bażiku tal-fidi tagħna. Fl-istess ħin, issir ukoll il-katekeżi għall-kandidati tal-Konfirmazzjoni, u laqgħa għall-ġenituri kull xahar immexxija minn professjonisti.

## IL-PARROĊĊA B'QALB 'MAQSUMA'





L-aħħar ġimgħa ta' Frar – meta konna sejrin għall-istampa ta' din il-ħarġa – il-Parroċċa tagħna litteralment bdietha b'qalbha maqsuma bejn ġrajja ta' ferħ kbir u oħra ta' niket bla tarf. Dan għaliex waqt li, minn naħa, il-Ħadd 25 filgħaxija ħarġet l-aħbar tal-mewt għall-għarrieda tal-Professur Joseph Vella, Maestro di Cappella tal-Bażilika tagħna u Surmast Direttur tal-Banda Ċittadina La Stella u t-Teatru Astra, l-għada t-Tnejn 26 ġiet ikkonfermata x-xniegħa li l-Qdusija Tiegħu Franġisku kien qed jaħtar lil Monsinjur Alfred Xuereb, saċerdot tagħna li issa ilu snin jagħti servizz lill-Papa u lis-Santa Sede f'Ruma, bħala Nunzju Appostoliku tiegħu fil-Korea ta' Isfel u l-Mongolja. Iktar fuq dawn iż-żewġ aħbarijiet fil-ħarġa li jmiss.